16.10.2023 A9-0290/ 001-133

**EMENDI 001-133**
mill-Kumitat għall-Baġits

**Rapport**
**José Manuel Fernandes, Christian Ehler** **A9-0290/2023**
L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP")

Proposta għal regolament (COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”) u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 | dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”) u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) ***2021/1755, (UE)*** 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (2) L-industrija tal-UE ***tat prova tar-reżiljenza inerenti*** tagħha iżda ***qed*** tiġi ***sfidata***. L-inflazzjoni għolja, l-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema, it-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista ta' wara l-COVID, iż-żieda fir-rati tal-imgħax, u ż-żidiet fil-kostijiet tal-enerġija u fil-prezzijiet tal-input qed iħallu impatt fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE. Dan huwa akkumpanjat minn kompetizzjoni qawwija, iżda mhux dejjem ġusta, f'suq globali frammentat. L-UE diġà pproponiet diversi inizjattivi biex tappoġġa l-industrija tagħha, bħall-Pjan Industrijali tal-Patt ***Ekoloġiku,[40]*** l-Att dwar il-Materja Prima Kritika[41], l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti[42], il-Qafas il-ġdid Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat[43], ***u r-REPowerEU[44]***. Filwaqt li dawn is-soluzzjonijiet jipprovdu appoġġ rapidu u mmirat, l-UE teħtieġ tweġiba aktar strutturali għall-ħtiġijiet ta' investiment tal-industriji tagħha, sabiex tħares il-koeżjoni u l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq Uniku u tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tal-UE. | (2) L-industrija tal-UE ***wriet ir-reżiljenza intrinsika*** tagħha iżda ***l-kompetittività tagħha trid*** tiġi ***żgurata wkoll fil-futur***. L-inflazzjoni għolja, l-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema, it-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista ta' wara l-COVID, ***il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna,*** iż-żieda fir-rati tal-imgħax, u ż-żidiet fil-kostijiet tal-enerġija u fil-prezzijiet tal-input qed iħallu impatt fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE ***u enfasizzaw l-importanza li l-Unjoni tassigura l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha u tnaqqas id-dipendenza tagħha mill-pajjiżi terzi f'diversi setturi***. Dan huwa akkumpanjat minn kompetizzjoni qawwija, iżda mhux dejjem ġusta, f'suq globali frammentat. L-UE diġà pproponiet diversi inizjattivi biex tappoġġa l-industrija tagħha, bħall-Pjan Industrijali tal-Patt ***Ekoloġiku[40],*** l-Att dwar il-Materja Prima Kritika[41], l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti[42], il-Qafas il-ġdid Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat[43] ***u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[43a], kif emendata mir-REPowerEU[44]***. Filwaqt li dawn is-soluzzjonijiet jipprovdu appoġġ rapidu u mmirat, l-UE teħtieġ tweġiba aktar strutturali għall-ħtiġijiet ta' investiment tal-industriji tagħha, sabiex tħares il-koeżjoni***, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità,*** u l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq Uniku ***filwaqt li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament*** u tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tal-UE. ***L-adattament ta' oqfsa ġodda u differenti ta' għajnuna mill-Istat iffaċilita l-allokazzjoni potenzjali ta' volumi sostanzjali ta' għajnuna mill-Istat. F'ċirkostanzi aktar avversi, din is-sitwazzjoni għandha l-kapaċità li ddgħajjef l-effikaċja tas-suq intern.*** |

[40] Il-Komunikazzjoni dwar Il-Pjan

[40] Il-Komunikazzjoni dwar Il-Pjan

| | |
|---|---|
| Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għall-Era b’Emissjonijiet Żero Netti, COM(2023) 62 final. | Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għall-Era b’Emissjonijiet Żero Netti, COM(2023) 62 final. |
| [41] COM(2023) 160 finali | [41] COM(2023) 160 finali |
| [42] COM(2023) 161 finali | [42] COM(2023) 161 finali |
| [43] Il-Komunikazzjoni dwar Qafas Temporanju ta’ Kriżi u ta’ Tranżizzjoni għall-miżuri ta’ Għajnuna mill-Istat (ĠU C 101, 17.3.2023, p. 3). | [43] Il-Komunikazzjoni dwar Qafas Temporanju ta’ Kriżi u ta’ Tranżizzjoni għall-miżuri ta’ Għajnuna mill-Istat (ĠU C 101, 17.3.2023, p. 3). |
| | ***[43a] Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).*** |
| [44] Ir-Regolament (UE) 2023/435 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1). | [44] Ir-Regolament (UE) 2023/435 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1). |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Is-Suq Uniku ġab miegħu vantaġġi ekonomiċi, soċjali u politiċi sinifikanti lill-Unjoni kollha, inklużi liċ-ċittadini u n-negozji tagħha. Filwaqt li dawn il-vantaġġi huma rikonoxxuti b’mod wiesa’, huwa fundamentali li soluzzjonijiet ikomplu jinstabu biex jiġi sfruttat aktar il-potenzjal soċjetali mhux użat. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta’ Marzu 2023 intitolata “It-30 sena mis-Suq Uniku” tħejji d-direzzjoni strateġika fit-tul tas-Suq Uniku. Is-Suq Uniku tal-futur irid jibqa’ adattabbli quddiem id-dinamika ġeopolitika li qed tevolvi, il-progress teknoloġiku u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li jrawwem ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa fid-dawl ta’ popolazzjoni li qed tixjieħ u jikkontribwixxi biex jissaħħu l-kompetittività u l-produttività fit-tul tal-Unjoni.*** |

**Emenda 4**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-adozzjoni u t-tkabbir fl-iskala ***fl-Unjoni*** ta' teknoloġiji ***profondi u*** diġitali, teknoloġiji ***nodfa, u bijoteknoloġiji se tkun*** essenzjali biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet u jintlaħqu l-objettivi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u b'hekk tiġi promossa l-kompetittività tal-industrija Ewropea u s-sostenibbiltà tagħha. Għalhekk, hija meħtieġa azzjoni immedjata biex tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura fl-Unjoni ta' tali teknoloġiji, is-salvagwardja u t-tisħiħ tal-ktajjen ***tal-valur*** tagħhom biex b'hekk jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u l-indirizzar tan-nuqqas eżistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet ***f'dawk is-setturi*** permezz ta' taħriġ u apprendistati u l-ħolqien ta' impjiegi attraenti u ta' kwalità aċċessibbli għal kulħadd. | (3) L-adozzjoni u t-tkabbir fl-iskala ta' teknoloġiji diġitali, ***bijoteknoloġiji u*** teknoloġiji ***b'emissjonijiet żero netti u xjenzi tal-ħajja se jkunu*** essenzjali biex ***jonqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE,*** jiġu sfruttati l-opportunitajiet u jintlaħqu l-objettivi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u b'hekk ***jitħarsu s-sovranità u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u*** tiġi promossa l-kompetittività tal-industrija Ewropea u s-sostenibbiltà tagħha. Għalhekk, hija meħtieġa azzjoni immedjata biex tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura fl-Unjoni ta' tali teknoloġiji, is-salvagwardja u t-tisħiħ tal-ktajjen ***ta' provvista*** tagħhom**,** biex b'hekk jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u l-indirizzar tan-nuqqas eżistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet ***fis-setturi rilevanti*** permezz ta' ***tagħlim tul il-ħajja,*** taħriġ**,** u apprendistati u l-ħolqien ta' impjiegi attraenti u ta' kwalità aċċessibbli għal kulħadd. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Hemm bżonn li jiġu appoġġati t-teknoloġiji kritiċi fl-oqsma li ġejjin: ***teknoloġiji profondi u*** diġitali, ***teknoloġiji nodfa***, u ***bijoteknoloġiji (inklużi*** l-ktajjen ***tal-valur*** rispettivi ***tal-materja prima kritika)***, b'mod partikolari proġetti, kumpaniji u setturi bi rwol kritiku għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE u ***l-ktajjen tal-valur tagħha. Bħala eżempju,*** | (4) Hemm bżonn li jiġu appoġġati t-teknoloġiji kritiċi fl-oqsma li ġejjin: ***it-teknoloġiji*** diġitali, ***it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti***, u ***l-bijoteknoloġiji u x-xjenza tal-ħajja, inklużi l-prodotti mediċinali fil-Lista tal-Unjoni ta' Prodotti Mediċinali Kritiċi stabbilita skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/123 tal-Parlament*** |

***it-teknoloġiji profondi u t-teknoloġiji*** diġitali jenħtieġ li ***jinkludu l-mikroelettronika, il-computing*** ta' ***prestazzjoni għolja, it-teknoloġiji kwantistiċi (jiġifieri, il-computing, it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni u tar-rilevament), il-cloud computing, l-edge computing, u l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji taċ-ċibersigurtà, ir-robotika, il-5G u l-konnettività avvanzata u r-realtajiet virtwali, inklużi azzjonijiet relatati ma' teknoloġiji profondi u diġitali għall-iżvilupp*** ta' ***applikazzjonijiet tad-difiża u tal-ajruspazju. It-teknoloġiji nodfa*** jenħtieġ li jinkludu, ***fost l-oħrajn, l-enerġija rinnovabbli; il-ħżin tal-elettriku u tas-sħana; il-pompi tas-sħana; il-grilja tal-elettriku; il-fjuwils rinnovabbli*** ta' ***oriġini mhux bijoloġika; il-fjuwils alternattivi sostenibbli; l-elettrolizzaturi u ċ-ċelloli tal-fjuwil; il-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju; l-effiċjenza enerġetika; l-idroġenu u l-infrastruttura relatata miegħu; is-soluzzjonijiet intelliġenti tal-enerġija; it-teknoloġiji essenzjali għas-sostenibbiltà bħall-purifikazzjoni u d-desalinizzazzjoni tal-ilma; il-materjali avvanzati bħan-nanomaterjali, il-komposti u l-materjali tal-kostruzzjoni nodfa futuri, u t-teknoloġiji għall-estrazzjoni u l-ipproċessar sostenibbli*** ta' ***materja prima kritika. Il-bijoteknoloġija*** jenħtieġ li ***titqies li tinkludi teknoloġiji bħall-bijomolekuli u l-applikazzjonijiet tagħhom, il-farmaċewtiċi u t-teknoloġiji mediċi vitali għas-sigurtà tas-saħħa, il-bijoteknoloġija tal-għelejjel, u l-bijoteknoloġija industrijali, bħal għar-rimi tal-iskart, u l-bijomanifattura***. Il-Kummissjoni ***tista' toħroġ gwida*** biex tispeċifika aktar il-kamp ta' applikazzjoni tat-teknoloġiji f'dawn it-tliet ***oqsma*** meqjusa bħala kritiċi f'konformità ma' dan ir-Regolament, sabiex tippromwovi interpretazzjoni komuni tal-proġetti, il-kumpaniji u s-setturi li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programmi rispettivi fid-dawl tal-objettiv strateġiku komuni. ***Barra minn hekk, it-teknoloġiji fi kwalunkwe Ewropew u tal-Kunsill[44a] u l-komponenti tagħhom, u*** l-ktajjen ***tal-provvista*** rispettivi ***ta' dawk it-teknoloġiji***, b'mod partikolari ***fi*** proġetti, kumpaniji u setturi bi rwol kritiku għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE. ***Għal raġunijiet ta' ċarezza*** u ***koerenza legali, id-definizzjoni ta' teknoloġiji*** diġitali jenħtieġ li ***tiġi allinjata mad-definizzjoni li tinsab fid-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44b] u d-definizzjoni*** ta' ***teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tiġi allinjata mad-definizzjoni fir-Regolament (UE).../... [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti]. Fin-nuqqas*** ta' ***definizzjoni tal-bijoteknoloġiji fid-dritt tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jieħu f'idejh id-definizzjoni tal-OECD. Ix-xjenzi tal-ħajja*** jenħtieġ li jinkludu ***l-applikazzjoni tal-għarfien xjentifiku għal oqsma bħall-bijoloġija***, ***iż-żooloġija, il-botanika, l-ekoloġija, il-fiżjoloġija, il-bijokimika, il-mikrobijoloġija, il-farmakoloġija, l-agronomija, il-mediċina.Il-prodotti mediċinali kritiċi, inklużi l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi, kif elenkati fil-Lista tal-Unjoni*** ta' ***Prodotti Mediċinali Kritiċi, jenħtieġ li jkunu koperti wkoll. L-awtonomija strateġika miftuħa u l-kompetittività tal-Unjoni ma jistgħux jissaħħu mingħajr ma jissaħħu l-ktajjen tal-provvista fis-setturi tat-teknoloġija koperti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, l-appoġġ finanzjarju għal proġetti tul il-katina tal-provvista għall-manifattura*** ta' ***teknoloġiji kritiċi jikkontribwixxi wkoll għall-objettivi ta' STEP. It-teknoloġiji*** jenħtieġ li ***jitqiesu kritiċi meta jressqu element innovattiv u mill-aktar avvanzat b'potenzjal ekonomiku sinifikanti għas-Suq Uniku jew jikkontribwixxu għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tad-dipendenzi tal-Unjoni***. Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li tadotta att delegat, sa mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament,*** biex tispeċifika aktar il-kamp ta' applikazzjoni tat-teknoloġiji f'dawn it-tliet ***setturi*** meqjusa bħala kritiċi

***wieħed minn*** dawn ***it-tliet oqsma li huma s-suġġetti*** ta' ***Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b) tat-TFUE jenħtieġ li jitqiesu bħala kritiċi, u proġetti individwali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' tali IPCEI jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament,*** f'konformità ***mar-regoli rispettivi tal-programm, sal-punt li d-diskrepanza identifikata fil-finanzjament u l-kostijiet eliġibbli jkunu għadhom ma ġewx koperti kompletament***. f'konformità ma' dan ir-Regolament, sabiex tippromwovi interpretazzjoni komuni tal-proġetti, il-kumpaniji u s-setturi li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programmi rispettivi fid-dawl tal-objettiv strateġiku komuni ***biex jitnaqqsu d-dipendenzi kritiċi***. ***Meta tiddefinixxi d-dipendenzi strateġiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tibni fuq il-valutazzjonijiet imwettqa f'***dawn ***l-aħħar snin.***[44b] ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina mill-ġdid l-att delegat fid-dawl tas-sejbiet tar-rapport*** ta' ***evalwazzjoni interim tagħha mfassal*** f'konformità ***ma' dan ir-Regolament u tadattah għall-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq ta' dak iż-żmien***. ***Peress li l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti joħloq fehim komprensiv ta' dawk l-industriji Ewropej li huma meqjusa neċessarji biex jintlaħqu l-miri klimatiċi fl-2050, il-Proġetti Strateġiċi kif identifikati skont ir-Regolament (UE).../... [L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti] li jikkonformaw mal-kriterji ta' reżiljenza jew ta' kompetittività tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, fl-ispirtu tal-aspetti kritiċi tal-proġetti teknoloġiċi kollha skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitqies bħala li jissodisfa l-objettivi ta' STEP. L-istess jenħtieġ li japplika għal Proġetti Strateġiċi identifikati skont ir-Regolament (UE)... [L-Att dwar il-Materja Prima Kritika].***

***[44a] Ir-Regolament (UE) 2022/123 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2022 dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi (ĠU L 020, 31.1.2022, p. 1).***

***[44b] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-***

***Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).***

***[44c] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar id-dipendenzi u l-kapaċitajiet strateġiċi (SWD(2021)352) u Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar id-dipendenzi u l-kapaċitajiet strateġiċi tal-UE: it-tieni stadju tal-analiżijiet fil-fond (SWD(2022)41), Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Rapport Annwali tal-2023 dwar is-Suq Uniku: It-30 sena mis-Suq Uniku (SWD(2023)26).***

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) It-tisħiħ tal-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji ***ewlenin*** fl-Unjoni mhux se jkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol imdaqqsa bil-ħiliet meħtieġa. Madankollu, l-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u ta' ħiliet żdiedu fis-setturi kollha inklużi dawk meqjusa bħala kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u jipperikolaw iż-żieda fit-teknoloġiji ***essenzjali, anki fil-kuntest tat-tibdil demografiku***. Għalhekk, huwa meħtieġ li tingħata spinta ***li jiżdiedu*** aktar persuni fis-suq tax-xogħol rilevanti għas-setturi ***strateġiċi***, b'mod partikolari permezz ***tal-ħolqien*** ta' impjiegi u apprendistati ***għaż-żgħażagħ, għall-persuni*** żvantaġġati***, b'mod partikolari, għaż-żgħażagħ*** barra ***mil-edukazzjoni***, impjieg jew taħriġ. Tali appoġġ se jikkomplementa għadd ta' azzjonijiet oħra mmirati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni, deskritti fl-Aġenda għall-ħiliet tal-UE.[45] | (5) It-tisħiħ tal-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji ***fis-setturi rilevanti identifikati skont dan ir-Regolament*** fl-Unjoni mhux se jkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol imdaqqsa bil-ħiliet meħtieġa. Madankollu, l-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u ta' ħiliet***, li*** żdiedu fis-setturi kollha inklużi dawk meqjusa bħala kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ***huma mistennija jiżdiedu aktar fid-dawl tat-tibdil demografiku*** u jipperikolaw iż-żieda fit-teknoloġiji ***fis-setturi rilevanti identifikati skont dan ir-Regolament***. Għalhekk, huwa meħtieġ li tingħata spinta ***għaż-żieda ta'*** aktar persuni fis-suq tax-xogħol rilevanti għas-setturi ***rilevanti***, b'mod partikolari permezz ta' ***investimenti fit-tagħlim u t-tagħlim tul il-ħajja, it-tisħiħ tal-ħiliet rilevanti, il-ħolqien ta'*** impjiegi ***ta' kwalità*** u apprendistati ***għal żgħażagħ*** żvantaġġati barra ***mill-edukazzjoni***, impjieg jew taħriġ. Tali appoġġ se jikkomplementa għadd ta' azzjonijiet oħra mmirati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni, deskritti fl-Aġenda għall-ħiliet tal-UE.[45]***Dawk l-azzjonijiet għandhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***rwol importanti x'jaqdu biex jippromwovu mentalità ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, jagħtu spinta lill-kompetittività tal-impriżi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs, u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità bil-ħsieb li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali b'mod soċjalment ekwu, inklużiv u ġust.*** |
| [45] Il-Komunikazzjoni dwar Aġenda Ewropea għall-Ħiliet għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020) 274 final. | [45] Il-Komunikazzjoni dwar Aġenda Ewropea għall-Ħiliet għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020) 274 final. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) ***L-iskala tal-investimenti*** meħtieġa ***għat-tranżizzjoni teħtieġ mobilizzazzjoni sħiħa tal-finanzjament disponibbli taħt*** il-programmi u l-fondi eżistenti tal-UE, inklużi dawk li jagħtu garanzija baġitarja għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u l-operazzjonijiet ta' taħlit. ***Tali finanzjament*** jenħtieġ li jintuża b'mod aktar flessibbli, biex jipprovdi appoġġ f'waqtu u mmirat għat-teknoloġiji kritiċi f'setturi ***strateġiċi***. Għalhekk, Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") jenħtieġ li ***tagħti tweġiba strutturali għall-ħtiġijiet ta' investiment tal-Unjoni billi*** tgħin biex il-fondi eżistenti ***tal-UE*** jiġu mmirati aħjar lejn investimenti kritiċi mmirati biex jappoġġaw l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji ***kritiċi***, filwaqt li jiġu ppreservati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku, u b'hekk tiġi ppreservata l-koeżjoni u jkun hemm fil-mira distribuzzjoni ġeografikament ibbilanċjata ta' proġetti ffinanzjati ***taħt*** | (6) ***Fis-snin li ġejjin se jkunu*** meħtieġa ***investimenti sinifikanti biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni b'mod komprensiv, biex tiġi ppreservata l-kompetittività tagħha fis-suq globali u biex jinkisbu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.*** Il-programmi u l-fondi eżistenti tal-UE, inklużi dawk li jagħtu garanzija baġitarja għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u l-operazzjonijiet ta' taħlit***, jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati dawk l-għanijiet***. ***Minbarra l-mobilizzazzjoni sħiħa tiegħu, il-finanzjament tal-Unjoni*** jenħtieġ li jintuża b'mod aktar flessibbli, biex jipprovdi appoġġ f'waqtu u mmirat għat-teknoloġiji kritiċi f'setturi ***rilevanti, filwaqt li jissaħħaħ il-finanzjament għal proġetti madwar l-Unjoni kollha u proġetti transfruntiera***. Għalhekk, Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") jenħtieġ li tgħin biex il-fondi eżistenti ***tal-Unjoni*** jiġu mmirati aħjar lejn investimenti kritiċi |

STEP f'konformità mal-mandati rispettivi tal-programmi.

mmirati biex jappoġġaw l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji ***fis-setturi rilevanti***, filwaqt li jiġu ppreservati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku, u b'hekk tiġi ppreservata l-koeżjoni u jkun hemm fil-mira distribuzzjoni ġeografikament ibbilanċjata ta' proġetti ffinanzjati ***fl-ambitu ta'*** STEP f'konformità mal-mandati rispettivi tal-programmi. ***Filwaqt li tkun miftuħa għal kull Stat Membru, STEP jenħtieġ li tagħmel enfasi speċifiku fuq il-widien tal-industrija b'emissjonijiet żero netti kif definit skont ir-Regolament (UE).../... [L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti], fuq proġetti f'territorji inklużi fil-pjanijiet Territorjali għal tranżizzjoni ġusta kif imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1056, f'reġjuni anqas żviluppati u f'reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll f'reġjuni aktar żviluppati fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.***

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) STEP jenħtieġ li tidentifika r-riżorsi ***li jenħtieġ li jiġu implimentati*** fi ħdan il-programmi u l-fondi eżistenti tal-Unjoni, InvestEU, Orizzont Ewropa, il-Fond Ewropew għad-Difiża u l-Fond għall-Innovazzjoni. Dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat mill-għoti ta' finanzjament addizzjonali ta' EUR ***10 biljun***. Minn dan, EUR 5 biljun jenħtieġ li jintużaw biex tiżdied id-dotazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni[46] u EUR ***3 biljun*** biex jiżdied l-ammont totali tal-garanzija tal-UE disponibbli għall-kompartiment tal-UE | (7) STEP jenħtieġ li tidentifika r-riżorsi ***disponibbli*** fi ħdan il-programmi u l-fondi eżistenti tal-Unjoni, ***jiġifieri*** InvestEU, Orizzont Ewropa, ***l-UE għas-Saħħa, Ewropa Diġitali,*** il-Fond Ewropew ***għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), il-Fond Ewropew*** għad-Difiża u l-Fond għall-Innovazzjoni***, għal proġetti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP***. Dan jenħtieġ li jkun |

| | |
|---|---|
| skont ir-Regolament dwar ***InvestEU*** għal EUR ***7,5 biljun,***[47] filwaqt li titqies ir-rata ta' proviżjonament rilevanti. EUR ***0,5 biljunjenħtieġ*** li jkunu disponibbli biex jiżdied il-pakkett finanzjarju skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa,[48] li jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq; u EUR ***1,5 biljungħall-Fond*** Ewropew għad-Difiża.[49] | akkumpanjat mill-għoti ta' finanzjament addizzjonali ***tal-Unjoni*** ta' EUR ***13-il biljun***. Minn dan, EUR 5 biljun jenħtieġ li jintużaw biex tiżdied id-dotazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni[46] u EUR ***4,2 biljun*** biex jiżdied l-ammont totali tal-garanzija tal-UE disponibbli għall-kompartiment tal-UE skont ir-Regolament dwar ***InvestEU***[47] għal EUR ***10,5 biljun,*** filwaqt li titqies ir-rata ta' proviżjonament rilevanti. EUR ***1,3 biljun jenħtieġ*** li jkunu disponibbli biex jiżdied il-pakkett finanzjarju skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa,[48] li jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq; u EUR ***2,5 biljun għall-Fond*** Ewropew għad-Difiża.[49] |
| [46] Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32). | [46] Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32). |
| [47] Ir-Regolament (UE) 2021/523 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30). | [47] Ir-Regolament (UE) 2021/523 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30). |
| [48] Ir-Regolament (UE) 2021/695 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1). | [48] Ir-Regolament (UE) 2021/695 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1). |
| [49] Ir-Regolament (UE) 2021/697 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149). | [49] Ir-Regolament (UE) 2021/697 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149). |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Jenħtieġ li jingħata Siġill tas-Sovranità lil proġetti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP, dment li l-proġett ikun ġie vvalutat u jikkonforma mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità, b'mod partikolari l-kriterji tal-eliġibbiltà, tal-esklużjoni u tal-għoti, ipprovduti minn sejħa għal proposti taħt Orizzont Ewropa, | (8) Jenħtieġ li jingħata Siġill tas-Sovranità lil proġetti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP, ***b'kunsiderazzjoni għall-kontribuzzjoni tal-proġetti li jsaħħu u jistrutturaw networks industrijali lokali u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-impjiegi,*** dment li l-proġett ikun ġie vvalutat u jikkonforma mar-rekwiżiti |

il-programm Ewropa Diġitali[50], il-programm l-UE għas-Saħħa[51], il-Fond Ewropew għad-Difiża ***jew*** il-Fond għall-Innovazzjoni, u irrispettivament minn jekk il-proġett ikunx irċieva fondi taħt dawk l-istrumenti. Dawn ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità se jiġu stabbiliti bil-għan li jiġu identifikati proġetti ta' kwalità għolja. Dan is-Siġill jenħtieġ li jintuża bħala tikketta ta' kwalità, biex jgħin lill-proġetti jattiraw investimenti pubbliċi u privati billi jiċċertifika l-kontribut tal-proġett għall-objettivi ta' STEP. Barra minn hekk, is-Siġill se jippromwovi aċċess aħjar għall-fondi tal-UE, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-finanzjament kumulattiv jew ikkombinat minn diversi strumenti tal-Unjoni.

minimi ta' kwalità, b'mod partikolari l-kriterji tal-eliġibbiltà, tal-esklużjoni u tal-għoti, ipprovduti minn sejħa għal proposti taħt Orizzont Ewropa, il-programm Ewropa Diġitali[50], il-programm l-UE għas-Saħħa[51], il-Fond Ewropew għad-Difiża, j il-Fond għall-Innovazzjoni, ***jew il-fondi għall-politika ta' koeżjoni,*** u irrispettivament minn jekk il-proġett ikunx irċieva fondi taħt dawk l-istrumenti. Dawn ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità se jiġu stabbiliti bil-għan li jiġu identifikati proġetti ta' kwalità għolja. ***Proġetti strateġiċi kif identifikati skont ir-Regolament (UE) .../...[l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti] li jikkonformaw mal-kriterji ta' reżiljenza jew ta' kompetittività tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti huma meqjusa li jikkontribwixxu għall-objettivi ta'*** dan ***ir-Regolament, jew bit-tnaqqis jew il-prevenzjoni ta' dipendenzi strateġiċi jew inkella bil-kisba ta' element innovattiv u mill-aktar avvanzat għas-Suq Uniku. Għalhekk, dawn il-Proġetti Strateġiċi skont ir-Regolament (UE).../... [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti] jenħtieġ li jingħataw Siġill ta' Sovranità. L-istess kif il-Proġetti Strateġiċi kollha identifikati skont ir-Regolament (UE)... [l-Att dwar il-Materja Prima Kritika] għandhom l-għan li jissodisfaw l-objettivi ta' din il-Pjattaforma, u jenħtieġ li jingħataw Siġill ta' Sovranità wkoll. Sabiex jiġu promossi proġetti li eventwalment se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza strateġika Ewropea minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li s-Siġill jingħata biss lil proġetti ġestiti minn entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiż terz assoċjat mal-programm rilevanti. Fl-istess spirtu, jekk il-proġett ikun ġestit minn diversi entitajiet legali, jenħtieġ li s-Siġill jingħata biss lill-proġett, jekk mill-inqas entità legali indipendenti waħda tkun stabbilita fi Stat Membru u mill-inqas żewġ entitajiet legali indipendenti oħra jkunu stabbiliti fi Stati Membri jew pajjiżi***

***assoċjati differenti. Dan*** is-Siġill jenħtieġ li jintuża bħala tikketta ta' kwalità, biex jgħin lill-proġetti jattiraw investimenti pubbliċi u privati billi jiċċertifika l-kontribut tal-proġett għall-objettivi ta' STEP. Barra minn hekk, is-Siġill se jippromwovi aċċess aħjar għall-fondi tal-UE, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-finanzjament kumulattiv jew ikkombinat minn diversi strumenti tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa wkoll iqisu s-Siġill tas-Sovranità meta jagħtu appoġġ finanzjarju permezz tal-programmi tagħhom stess.***

[50] Ir-Regolament (UE) 2021/694 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

[51] Ir-Regolament (UE) 2021/522 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1).

[50] Ir-Regolament (UE) 2021/694 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

[51] Ir-Regolament (UE) 2021/522 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1).

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Għal dak il-għan, jenħtieġ li jkun possibbli li jittieħdu bħala bażi l-valutazzjonijiet magħmula għall-finijiet ta' programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 126 u 127 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046,[52] sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni u jiġi mħeġġeġ l-investiment f'teknoloġiji ta' prijorità. Sakemm jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-RRF,[53] l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-inklużjoni ta' ***azzjonijiet*** mogħtija s-Siġill tas-Sovranità meta jkunu qed ***iħejju*** l-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza u meta jiddeċiedu | (9) Għal dak il-għan, jenħtieġ li jkun possibbli li jittieħdu bħala bażi l-valutazzjonijiet magħmula għall-finijiet ta' programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 126 u 127 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046,[52] sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni u jiġi mħeġġeġ l-investiment f'teknoloġiji ta' prijorità. Sakemm jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-RRF,[53] l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-inklużjoni ta' ***proġetti*** mogħtija s-Siġill tas-Sovranità meta jkunu qed ***jirrevedu*** l-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza u meta jiddeċiedu |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| dwar proġetti ta' investiment li għandhom jiġu ffinanzjati mis-sehem tagħhom tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. Is-Siġill tas-Sovranità jenħtieġ li jitqies ukoll mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI u tal-verifika tal-politika stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament dwar InvestEU. Barra minn hekk, is-sħab ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu meħtieġa jeżaminaw proġetti li jkunu ngħataw is-Siġill tas-Sovranità f'każ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u tal-attività tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26(5) ta' dak ir-Regolament. L-awtoritajiet inkarigati mill-programmi li jaqgħu taħt STEP jenħtieġ li ***jiġu mħeġġa wkoll*** jikkunsidraw l-appoġġ għal proġetti strateġiċi identifikati f'konformità ***mal-Atti*** dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero ***Netti*** u dwar il-Materja Prima ***Kritika*** li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ***tal-Artikolu 2 tar-Regolament*** u li għalihom jistgħu japplikaw regoli dwar il-finanzjament kumulattiv. | dwar proġetti ta' investiment li għandhom jiġu ffinanzjati mis-sehem tagħhom tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. Is-Siġill tas-Sovranità jenħtieġ li jitqies ukoll mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI u tal-verifika tal-politika stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament dwar InvestEU. Barra minn hekk, is-sħab ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu meħtieġa jeżaminaw proġetti li jkunu ngħataw is-Siġill tas-Sovranità f'każ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u tal-attività tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26(5) ta' dak ir-Regolament. L-awtoritajiet inkarigati mill-programmi li jaqgħu taħt STEP jenħtieġ li jikkunsidraw l-appoġġ għal proġetti strateġiċi identifikati f'konformità ***mar-Regolament (UE) .../... [l-Att*** dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero ***Netti]*** u ***r-Regolament .../...[l-Att*** dwar il-Materja Prima ***Kritika]*** li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ***tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament*** u li għalihom jistgħu japplikaw regoli dwar il-finanzjament kumulattiv. |
| [52] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1). | [52] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1). |
| [53] Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17). | [53] Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17). |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Sabiex tiġi żgurata awtonomija strateġika miftuħa u tissaħħaħ il-valorizzazzjoni tas-suq tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji*** |

| | |
|---|---|
| | ***kritiċi, l-Unjoni jeħtiġilha taġixxi bħala entità li tistabbilixxi l-istandards kif deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2022 intitolata "Strateġija tal-UE dwar l-Istandardizzazzjoni: L-istabbiliment ta' standards globali b'appoġġ għal suq uniku tal-UE reżiljenti, ekoloġiku u diġitali", Għaldaqstant, il-proġetti li fil-proposta tagħhom jinkludu sforzi ta' standardizzazzjoni jenħtieġ li jingħataw preferenza fil-programmi kollha tal-Unjoni li jipprovdu finanzjament fl-ambitu ta' STEP. Barra minn hekk, huwa fundamentali li l-proġetti taħt STEP jikkunsidraw l-istandardizzazzjoni fl-implimentazzjoni tagħhom, sabiex jaċċelleraw u jespandu l-użu ta' teknoloġija partikolari fis-Suq Uniku kollu. Barra minn hekk, l-allinjament tal-istandards internazzjonali mal-interessi Ewropej jista' jiżgura tmexxija teknoloġika u kundizzjonijiet ekwi globalment. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu sforzi speċifiċi biex jappoġġaw il-proġetti fl-ambitu ta' STEP u jinvolvu ruħhom attivament fl-iżvilupp ta' standards u fi ħdan standardizzazzjoni nazzjonali, Ewropea u, meta jkun il-każ, internazzjonali.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) Peress li l-fiduċja hija element kruċjali għall-investimenti, jenħtieġ li tiġi stabbilita struttura ta' governanza li tiżgura li STEP tiġi implimentata b'mod effettiv, effiċjenti, ġust u trasparenti. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi Kumitat STEP magħmul minn esperti dwar diversi teknoloġiji koperti minn dan ir-Regolament kif ukoll*** |

| | |
|---|---|
| | ***dwar il-programmi u l-fondi tal-Unjoni li jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-Pjattaforma. Il-Kumitat STEP jenħtieġ li jkun inkarigat mill-għoti u l-promozzjoni tas-Siġill ta' Sovranità u l-ġestjoni tal-Portal tas-Sovranità u jassumi rwol ta' koordinazzjoni bejn id-diversi networks u partijiet ikkonċernati li huma rilevanti biex jintlaħqu l-objettivi tal-pjattaforma. Minħabba li t-teknoloġiji koperti minn dan ir-Regolament qed jevolvu b'mod kostanti, jenħtieġ li jitwaqqaf Grupp Konsultattiv Industrijali dwar it-Teknoloġiji Strateġiċi li jassisti lill-Kummissjoni billi joffri pariri dwar l-aħħar żviluppi teknoloġiċi u l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom is-setturi kkonċernati. Dan il-Grupp jenħtieġ li jkun magħmul minn rappreżentanti tal-industrija tal-Unjoni tas-setturi koperti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jitqies il-bilanċ ġeografiku fi ħdan il-Grupp Konsultattiv Industrijali.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi sit web ġdid disponibbli għall-pubbliku (il-"Portal tas-Sovranità") biex jipprovdi informazzjoni dwar l-appoġġ disponibbli ***lill-kumpaniji u lill-promoturi*** tal-proġetti li jfittxu fondi għal ***investimenti*** ta' STEP***. Għal dak il-għan***, jenħtieġ li ***dan*** juri b'mod aċċessibbli u faċli għall-utent l-opportunitajiet ta' finanzjament għal investimenti ta' STEP disponibbli taħt il-baġit tal-UE. Dan jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar ***programmi*** ġestiti direttament***, bħal*** Orizzont Ewropa, ***il-programm*** Ewropa Diġitali, il-programm l-UE għas-Saħħa, u l-Fond għall-Innovazzjoni, ***kif ukoll programmi*** oħra ***bħal*** InvestEU, ***l-RRF***, u | (10) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi sit web ġdid disponibbli għall-pubbliku (il-"Portal tas-Sovranità") biex jipprovdi informazzjoni dwar l-appoġġ disponibbli ***għall-proġetti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-kumpaniji u tal-promoturi*** tal-proġetti li jfittxu fondi għal ***proġetti*** ta' STEP ***fl-ambitu tal-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni***, ***il-Portal tas-Sovranità*** jenħtieġ li juri b'mod aċċessibbli u faċli għall-utent l-opportunitajiet ta' finanzjament għal investimenti ta' STEP disponibbli taħt il-baġit tal-UE. Dan jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar ***il-programmi tal-Unjoni*** ġestiti direttament Orizzont |

| | |
|---|---|
| l-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, il-Portal tas-Sovranità jenħtieġ li jgħin biex tiżdied il-viżibbiltà għal investimenti ta' STEP fir-rigward tal-investituri, billi jelenka l-proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità. Jenħtieġ li l-Portal jelenka wkoll l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli biex jaġixxu bħala punti ta' kuntatt għall-implimentazzjoni ta' STEP fil-livell nazzjonali. | Ewropa, Ewropa Diġitali, il-programm l-UE għas-Saħħa, ***il-Fond Ewropew għad-Difiża*** u l-Fond għall-Innovazzjoni, ***u sorsi*** oħra ***ta' finanzjament tal-Unjoni, jiġifieri*** InvestEU, ***il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***, u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni. ***Sabiex tiżdied l-utilità tal-Portal ta' Sovranità għall-promoturi tal-proġetti, il-Portal jenħtieġ li jinkludi simulatur rapidu biex jagħti gwida dwar liema programm jew fond tal-Unjoni jista' jkun eliġibbli għal proġett individwali, mingħajr ma tiġi żvelata informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u mingħajr ma jkun legalment vinkolanti.*** Barra minn hekk, il-Portal tas-Sovranità jenħtieġ li jgħin biex tiżdied il-viżibbiltà għal investimenti ta' STEP fir-rigward tal-investituri, billi jelenka l-proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità. ***Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fir-rigward ta' proġetti relatati mas-sigurtà u d-difiża*** jenħtieġ li ***tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ b'każ u tkun limitata għal proġetti fejn il-pubblikazzjoni titqies meħtieġa mill-promotur tal-proġett jew mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-ħtieġa li tiġi protetta l-kunfidenzjalità tas-sigurtà tal-informazzjoni fi kwistjonijiet ta' difiża. Jenħtieġ li*** l-Portal jelenka wkoll l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli biex jaġixxu bħala punti ta' kuntatt għall-implimentazzjoni ta' STEP fil-livell nazzjonali. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-komplementarjetà tal-Portal ma' pjattaformi simili oħra, fosthom il-Pjattaforma NZIA, u jenħtieġ li tevita l-burokrazija żejda kif ukoll il-piżijiet amministrattivi.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Pjattaforma biex issegwi l-progress lejn l-objettivi ta' politika tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-monitoraġġ jitwettaq b'mod li jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqa fl-ambitu tal-Pjattaforma biex jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-benefiċjarji tal-finanzjament. Sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà lejn iċ-ċittadini tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Pjattaforma taħt kull wieħed mill-programmi u l-fondi, dwar in-nefqa globali ta' STEP iffinanzjata fl-ambitu tal-programmi u l-fondi rispettivi, u dwar il-prestazzjoni ta' STEP abbażi tal-indikaturi tal-prestazzjoni previsti minn dawk il-programmi. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-kontribut kwalitattiv u kwantitattiv tal-Pjattaforma għal proġetti transfruntiera u għal proġetti għal kull Stat Membru.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Filwaqt li STEP tibbaża fuq ir-riprogrammazzjoni u t-tisħiħ tal-programmi eżistenti għall-appoġġ għal investimenti strateġiċi, hija wkoll element importanti għall-ittestjar tal-fattibbiltà u t-tħejjija ta' interventi ġodda bħala pass lejn Fond Ewropew għas-Sovranità. L-evalwazzjoni fl-2025 se tivvaluta r-rilevanza tal-azzjonijiet meħuda u sservi | (11) Filwaqt li STEP tibbaża fuq ir-riprogrammazzjoni u t-tisħiħ tal-programmi eżistenti għall-appoġġ għal investimenti strateġiċi ***u t-tnaqqis ta' dipendenzi tal-Unjoni***, hija wkoll element importanti għall-ittestjar tal-fattibbiltà u t-tħejjija ta' interventi ġodda ***li jipprovdu l-azzjoni strutturali neċessarja għall-bżonnijiet ta' investiment tal-Unjoni.*** |

bħala bażi għall-valutazzjoni tal-ħtieġa għal żieda fl-appoġġ għal setturi strateġiċi.

***B'mod partikolari, jista' jitqies*** bħala pass lejn ***l-istabbiliment ta'*** Fond Ewropew għas-Sovranità ***li jista' jikkontribwixxi għat-tfassil u t-tisħiħ ta' politika industrijali Ewropea billi jipprovdi aktar finanzjament lill-industrija Ewropea fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027***. L-evalwazzjoni ***interim*** fl-2025 se tivvaluta r-rilevanza tal-azzjonijiet meħuda u ***toffri aġġornament tal-istat tad-dipendenzi tal-Unjoni u tas-setturi l-aktar strateġiċi bil-għan li tissaħħaħ l-awtonomija tagħha b'mod komprensiv. Fl-evalwazzjoni interim, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll il-fattibbiltà tal-espansjoni tal-Portal għas-Sovranità biex tikkombina s-siti web eżistenti kollha disponibbli għall-pubbliku u tipprovdi informazzjoni dwar il-programmi u l-fondi tal-Unjoni taħt ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta f'Portal uniku wieħed. L-evalwazzjoni interim jenħtieġ li*** sservi bħala bażi għall-valutazzjoni tal-ħtieġa għal żieda fl-appoġġ għal setturi strateġiċi ***fil-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027, bil-ħsieb li jiġu indirizzati aħjar l-isfidi identifikati u jintlaħqu l-objettivi ta' politika tal-Unjoni f'dan il-qasam***.

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Id-Direttiva 2003/87/KE[54] jenħtieġ li tiġi emendata biex tippermetti finanzjament addizzjonali b'pakkett finanzjarju għall-perjodu 2024-2027 ta' EUR 5 biljun. Il-Fond għall-Innovazzjoni jappoġġa l-investimenti f'teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li huwa kamp ta' applikazzjoni li għandu jiġi kopert minn STEP. Għalhekk, iż-żieda fil-volum tal-

*Emenda*

(12) Id-Direttiva 2003/87/KE[54] jenħtieġ li tiġi emendata biex tippermetti finanzjament addizzjonali b'pakkett finanzjarju għall-perjodu 2024-2027 ta' EUR 5 biljun ***li għandhom jiġu provduti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni***. Il-Fond għall-Innovazzjoni jappoġġa l-investimenti f'teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li huwa kamp ta' applikazzjoni li għandu jiġi kopert minn

Fond għall-Innovazzjoni jenħtieġ li tippermetti li jiġi pprovdut finanzjament li jwieġeb għall-objettiv li jiġu appoġġati l-iżvilupp jew il-manifattura fl-Unjoni ta' teknoloġiji ***nodfa kritiċi***. F'konformità mal-objettivi li ***tiġi żgurata*** l-koeżjoni u li jiġi promoss is-Suq Uniku, u sabiex jiġu appoġġati t-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ***nodfa*** madwar l-Unjoni, il-pakkett finanzjarju addizzjonali jenħtieġ li jsir disponibbli permezz ta' sejħiet għal proposti ***miftuħa*** għal entitajiet minn ***Stati*** Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u ***kkalkulata*** abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.

[54] Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

STEP. Għalhekk, iż-żieda fil-volum tal-Fond għall-Innovazzjoni jenħtieġ li tippermetti li jiġi pprovdut finanzjament li jwieġeb għall-objettiv li jiġu appoġġati l-iżvilupp jew il-manifattura fl-Unjoni ta' teknoloġiji ***b'emissjonijiet żero netti***. F'konformità mal-objettivi li ***jiġu żgurati*** l-koeżjoni ***ekonomika, soċjali,*** u ***territorjali u*** li jiġi promoss is-Suq Uniku, u sabiex jiġu appoġġati t-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ***b'emissjonijiet żero netti*** madwar l-Unjoni, il-pakkett finanzjarju addizzjonali jenħtieġ li jsir disponibbli permezz ta' sejħiet għal proposti għal ***Proġetti Strateġiċi kif definit fir-Regolament UE (.../...) [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti], sakemm jikkonformaw mal-kriterji ta' reżiljenza jew ta' kompetittività fil-proċess ta' għażla ta' proġetti strateġiċi. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-pakkett finanzjarju jenħtieġ li jkun disponibbli f'partijiet ekwi għal*** entitajiet minn ***Istati*** Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u ***kkalkulat*** abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017 ***u għall-entitajiet mill-Istati Membri kollha***. ***L-assistenza teknika lill-Istati Membri b'livell baxx ta' parteċipazzjoni, kif previst fl-aktar reviżjoni reċenti tad-Direttiva ETS jenħtieġ li tinżamm f'dawn is-sejħiet għal proposti kollha.***

[54] Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Sabiex jiġu estiżi l-possibbiltajiet ta' appoġġ għall-investimenti mmirati lejn it-tisħiħ tal-iżvilupp industrijali u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur f'setturi strateġiċi, il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ mill-FEŻR jenħtieġ li jiġi estiż billi jiġu previsti objettivi speċifiċi ġodda taħt il-FEŻR, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa u tal-infiq fuq il-klima kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060[55] u fir-Regolament (UE) 2021/1058[56]. F'setturi strateġiċi, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġu appoġġati investimenti produttivi f'intrapriżi ***oħra għajr*** l-SMEs, li jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għall-iżvilupp ta' reġjuni anqas żviluppati u ta' reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll f'reġjuni aktar żviluppati tal-Istati Membri bi PDG per capita taħt il-medja tal-UE. L-awtoritajiet ta' ġestjoni huma mħeġġa jippromwovu l-kollaborazzjoni bejn l-intrapriżi kbar u l-SMEs lokali, il-ktajjen tal-provvista, l-innovazzjoni u l-ekosistemi tat-teknoloġija. Dan jippermetti t-tisħiħ tal-kapaċità globali tal-Ewropa li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha f'dawk is-setturi billi tipprovdi aċċess għall-Istati Membri kollha għal investimenti bħal dawn, u b'hekk jiġi miġġieled ir-riskju li jiżdiedu d-disparitajiet. | (13) Sabiex jiġu estiżi l-possibbiltajiet ta' appoġġ għall-investimenti mmirati lejn it-tisħiħ tal-iżvilupp industrijali u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur f'setturi strateġiċi, il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ mill-FEŻR jenħtieġ li jiġi estiż billi jiġu previsti objettivi speċifiċi ġodda taħt il-FEŻR, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa u tal-infiq fuq il-klima kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060[55] u fir-Regolament (UE) 2021/1058[56]. F'setturi strateġiċi, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġu appoġġati investimenti produttivi f'intrapriżi ***b'iffukar fuq*** l-SMEs, ***u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja*** li jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għall-iżvilupp ta' reġjuni anqas żviluppati u ta' reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll f'reġjuni aktar żviluppati tal-Istati Membri bi PDG per capita taħt il-medja tal-UE. L-awtoritajiet ta' ġestjoni huma mħeġġa jippromwovu l-kollaborazzjoni bejn l-intrapriżi kbar u l-SMEs lokali, il-ktajjen tal-provvista, l-innovazzjoni u l-ekosistemi tat-teknoloġija. Dan jippermetti t-tisħiħ tal-kapaċità globali tal-Ewropa li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha f'dawk is-setturi billi tipprovdi aċċess għall-Istati Membri kollha għal investimenti bħal dawn, u b'hekk jiġi miġġieled ir-riskju li jiżdiedu d-disparitajiet. ***Ir-riżorsi pprogrammati għal dawn l-objettivi speċifiċi l-ġodda jenħtieġ li jkunu limitati għal massimu ta' 20 % tal-allokazzjoni inizjali tal-FEŻR f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1058.*** |

[55] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

[56] Ir-Regolament (UE) 2021/1058 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 224, 24.6.2021, p. 31).

[55] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

[56] Ir-Regolament (UE) 2021/1058 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 224, 24.6.2021, p. 31).

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-JTF, stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1056[57]***,*** jenħtieġ li jiġi estiż ukoll biex ikopri ***l-investimenti*** f'teknoloġiji ***nodfa*** li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP minn intrapriżi ***kbar***, dment li jkunu kompatibbli mal-kontribut mistenni għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika kif stabbilit fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta. Jenħtieġ li l-appoġġ ipprovdut għal tali investimenti ma jirrikjedix reviżjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta ***fejn dik ir-reviżjoni tkun marbuta esklużivament mal-analiżi tal-lakuni li tiġġustifika l-investiment mill-perspettiva tal-ħolqien tal-impjiegi***. | (14) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-JTF, stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1056[57] jenħtieġ li jiġi estiż ukoll biex ikopri ***investimenti*** f'teknoloġiji ***b'emissjonijiet żero netti u jindirizza l-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u l-ħiliet bħala appoġġ għal dawn l-investimenti,*** li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP minn intrapriżi ***b'enfasi fuq l-SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja***, dment li jkunu kompatibbli mal-kontribut mistenni għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika kif stabbilit fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta. ***Fil-kuntest ta' appoġġ għal intrapriżi li mhumiex SMEs, għandha tingħata kunsiderazzjoni wkoll lill-investimenti li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' apprendistati u impjiegi jew li jipprovdu edukazzjoni jew taħriġ għal ħiliet ġodda.*** Jenħtieġ li l-appoġġ ipprovdut għal tali investimenti ma jirrikjedix reviżjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta. |
| [57] Ir-Regolament (UE) 2021/1056 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1). | [57] Ir-Regolament (UE) 2021/1056 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1). |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jittrasferixxu, totalment jew parzjalment, l-allokazzjoni proviżorja tagħhom mir-riżorsi tar-Riżerva ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***Aġġustament għall-Brexit lejn il-FEŻR jew FSE+, dment li dawn ikunu intiżi li jappoġġaw l-investimenti produttivi, fatt li jista' jagħti kontribut sinifikanti lill-iżvilupp tar-reġjuni anqas żviluppati u tar-reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll f'reġjuni aktar żviluppati tal-Istati Membri li għandhom PDG per capita anqas mill-medja tal-UE, anke f'dawk ir-reġjuni u f'dawk il-komunitajiet lokali li l-aktar intlaqtu b'mod negattiv mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. L-investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi li STEP tiġi ffinanzjata fl-ambitu tal-FEŻR u l-FSE+ u tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit jistgħu jaqdu skopijiet simili u għandhom kontenut simili billi t-tnejn li huma, fl-aħħar mill-aħħar, jippermettu t-tisħiħ tal-kapaċità kumplessiva tal-Ewropa li tqawwi l-pożizzjoni tagħha f'ċerti setturi permezz tal-għoti lill-Istati Membri ta' aċċess għal tali investimenti, b'hekk jiġi kontrobilanċjat ir-riskju li jiżdiedu d-disparitajiet u li jittaffu l-impatti negattivi fuq il-koeżjoni soċjali u territorjali.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li jittrasferixxu l-allokazzjoni proviżorja kollha tagħhom jew parti minnha mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit lill-JTF, dment li dawn ir-riżorsi jappoġġaw azzjonijiet li huma konformi mal-Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta approvati, inkluż fir-reġjuni ta' tranżizzjoni ġusta li huma, direttament jew indirettament, l-aktar milquta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Kemm il-JTF kif ukoll ir-Riżerva ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***Aġġustament għall-Brexit jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP peress li t-tnejn għandhom l-għan li essenzjalment jippermettu d-diversifikazzjoni ekonomika reġjonali u jsaħħu l-kapaċità kumplessiva tal-Ewropa li tqawwi l-pożizzjoni tagħha f'ċerti setturi permezz tal-għoti lill-Istati Membri ta' aċċess għal tali investimenti, u b'hekk jiġi kontrobilanċjat ir-riskju li jiżdiedu d-disparitajiet u li jittaffu l-impatti negattivi fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Sabiex jgħin biex jiġu aċċellerati l-investimenti u tiġi pprovduta likwidità immedjata għall-investimenti li jappoġġaw l-objettivi ta' STEP taħt il-FEŻR, il-FSE+[59] u l-JTF, jenħtieġ li jiġi pprovdut ammont addizzjonali ta' prefinanzjament eċċezzjonali fil-forma ta' pagament ta' darba fir-rigward tal-prijoritajiet iddedikati għal investimenti li jappoġġaw l-objettivi ta' STEP. Il-prefinanzjament addizzjonali jenħtieġ li japplika għall-allokazzjoni kollha tal-JTF minħabba l-ħtieġa li titħaffef l-implimentazzjoni tiegħu u r-rabtiet b'saħħithom tal-JTF biex l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-ilħuq tal-objettivi ta' STEP. Ir-regoli li japplikaw għal dawk l-ammonti ta' prefinanzjament eċċezzjonali jenħtieġ li jkunu konsistenti mar-regoli applikabbli għall-prefinanzjament stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060. Barra minn hekk, biex tiġi inċentivata aktar l-adozzjoni ta' investimenti bħal dawn u tiġi żgurata l-implimentazzjoni aktar rapida tagħhom, jenħtieġ li tkun disponibbli l-possibbiltà ta' rata ta' finanzjament miżjuda tal-UE ***ta'*** 100 % għall-prijoritajiet | (16) Sabiex jgħin biex jiġu aċċellerati l-investimenti u tiġi pprovduta likwidità immedjata għall-investimenti li jappoġġaw l-objettivi ta' STEP taħt il-FEŻR, il-FSE+[59] u l-JTF, jenħtieġ li jiġi pprovdut ammont addizzjonali ta' prefinanzjament eċċezzjonali fil-forma ta' pagament ta' darba fir-rigward tal-prijoritajiet iddedikati għal investimenti li jappoġġaw l-objettivi ta' STEP. Il-prefinanzjament addizzjonali jenħtieġ li japplika għall-allokazzjoni kollha tal-JTF minħabba l-ħtieġa li titħaffef l-implimentazzjoni tiegħu u r-rabtiet b'saħħithom tal-JTF biex l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-ilħuq tal-objettivi ta' STEP. Ir-regoli li japplikaw għal dawk l-ammonti ta' prefinanzjament eċċezzjonali jenħtieġ li jkunu konsistenti mar-regoli applikabbli għall-prefinanzjament stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060. Barra minn hekk, biex tiġi inċentivata aktar l-adozzjoni ta' investimenti bħal dawn u tiġi żgurata l-implimentazzjoni aktar rapida tagħhom, jenħtieġ li tkun disponibbli l-possibbiltà ta' rata ta' finanzjament miżjuda tal-UE ***sa*** 100 % għall-prijoritajiet |

ta' STEP. Fl-implimentazzjoni tal-objettivi l-ġodda ta' STEP, l-awtoritajiet ta' ġestjoni huma mħeġġa japplikaw ċerti kriterji soċjali ***jew*** jippromwovu eżiti pożittivi soċjali, bħall-ħolqien ta' apprendistati u impjiegi għaż-żgħażagħ żvantaġġati, b'mod partikolari ż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, l-applikazzjoni tal-kriterji tal-għoti soċjali fid-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku meta proġett jiġi implimentat minn korp soġġett għall-akkwist pubbliku, u l-ħlas tal-pagi applikabbli kif miftiehem permezz ta' negozjar kollettiv.

[59] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

ta' STEP. Fl-implimentazzjoni tal-objettivi l-ġodda ta' STEP, l-awtoritajiet ta' ġestjoni huma mħeġġa japplikaw ċerti kriterji soċjali ***u*** jippromwovu eżiti pożittivi soċjali, bħall-ħolqien ta' apprendistati u impjiegi ***ta' kwalità*** għaż-żgħażagħ żvantaġġati, b'mod partikolari ż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, l-applikazzjoni tal-kriterji tal-għoti soċjali fid-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku meta proġett jiġi implimentat minn korp soġġett għall-akkwist pubbliku, u l-ħlas tal-pagi applikabbli kif miftiehem permezz ta' negozjar kollettiv.

[59] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (18) Il-qafas regolatorju għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-2014-2020 ġie adattat fl-aħħar snin biex jipprovdi lill-Istati Membri u lir-reġjuni bi flessibbiltà addizzjonali f'termini tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u b'aktar likwidità biex jiġu indirizzati l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra jew l-aggressjoni kontra l-Ukrajna. Dawn il-miżuri***, introdotti fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni,*** jeħtieġu biżżejjed żmien u riżorsi amministrattivi biex jiġu sfruttati u implimentati bis-sħiħ; dan fi żmien ukoll fejn l-Istati Membri se jiffokaw ir-riżorsi fuq ir-reviżjoni tal-programmi operazzjonali tal-2021-2027 marbuta mal-objettivi ta' STEP. Bil-għan li jittaffa l-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet tal-programm u li jiġi evitat it- | (18) Il-qafas regolatorju għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-2014-2020 ġie adattat fl-aħħar snin biex jipprovdi lill-Istati Membri u lir-reġjuni bi flessibbiltà addizzjonali f'termini tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u b'aktar likwidità biex jiġu indirizzati l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra jew l-aggressjoni kontra l-Ukrajna. Dawn il-miżuri jeħtieġu biżżejjed żmien u riżorsi amministrattivi biex jiġu sfruttati u implimentati bis-sħiħ; dan fi żmien ukoll fejn l-Istati Membri se jiffokaw ir-riżorsi fuq ir-reviżjoni tal-programmi operazzjonali tal-2021-2027 marbuta mal-objettivi ta' STEP. Bil-għan li jittaffa l-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet tal-programm u li jiġi evitat it-telf possibbli ta' fondi fl-għeluq għal raġunijiet purament amministrattivi, l- |

telf possibbli ta' fondi fl-għeluq għal raġunijiet purament amministrattivi, l-iskadenzi għall-għeluq amministrattiv tal-programmi skont il-perjodu 2014-2020 jenħtieġ li jiġu estiżi fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013[61] u fir-Regolament (UE) Nru 223/2014[62]. B'mod aktar speċifiku, l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' dik l-applikazzjoni għal pagament finali jenħtieġ li tiġi estiża bi 12-il xahar. Barra minn hekk, l-iskadenza għas-sottomissjoni tad-dokumenti tal-għeluq jenħtieġ li tiġi estiża wkoll bi 12-il xahar. Fil-kuntest ta' din l-emenda, huwa xieraq li jiġi ċċarat li d-distribuzzjoni tal-ikel u tal-materjal mixtrija sa tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà (tmiem l-2023) tista' tkompli wara dik id-data. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-UE u r-rispett għal-limiti massimi tal-pagamenti, il-pagamenti li għandhom isiru fl-2025 jenħtieġ li jiġu limitati għal massimu ta' ***1 %*** tal-approprjazzjonijiet finanzjarji minn riżorsi taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għal kull programm. L-ammonti dovuti li jaqbżu l-limitu massimu ta' ***1 %*** tal-approprjazzjonijiet tal-programm għal kull fond għall-2025 mhux se jitħallsu fl-2025 u lanqas fis-snin sussegwenti iżda jintużaw biss għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament. L-ammonti mhux użati għandhom jiġu diżimpenjati f'konformità mar-regoli ġenerali għad-diżimpenn fl-għeluq.

iskadenzi għall-għeluq amministrattiv tal-programmi skont il-perjodu 2014-2020 jenħtieġ li jiġu estiżi fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013[61] u fir-Regolament (UE) Nru 223/2014[62]. B'mod aktar speċifiku, l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' dik l-applikazzjoni għal pagament finali jenħtieġ li tiġi estiża bi 12-il xahar. Barra minn hekk, l-iskadenza għas-sottomissjoni tad-dokumenti tal-għeluq jenħtieġ li tiġi estiża wkoll bi 12-il xahar. ***Konsegwentement, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jissottomettu l-applikazzjoni tal-pagament finali sat-30 ta' Ġunju 2025 u d-dokumenti finali msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 sal-15 ta' Frar 2026, sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jiffinalizzaw il-proċessi marbuta mal-għeluq tal-proġetti.*** Fil-kuntest ta' din l-emenda, huwa xieraq li jiġi ċċarat li d-distribuzzjoni tal-ikel u tal-materjal mixtrija sa tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà (tmiem l-2023) tista' tkompli wara dik id-data. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-UE u r-rispett għal-limiti massimi tal-pagamenti, il-pagamenti li għandhom isiru fl-2025 jenħtieġ li jiġu limitati għal massimu ta' ***10 %*** tal-approprjazzjonijiet finanzjarji minn riżorsi taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għal kull programm. L-ammonti dovuti li jaqbżu l-limitu massimu ta' ***10 %*** tal-approprjazzjonijiet tal-programm għal kull fond għall-2025 mhux se jitħallsu fl-2025 u lanqas fis-snin sussegwenti iżda jintużaw biss għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament. L-ammonti mhux użati għandhom jiġu diżimpenjati f'konformità mar-regoli ġenerali għad-diżimpenn fl-għeluq. ***Filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi kif definiti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga speċifika fir-rigward tal-iskadenza għall-applikazzjoni finali għal pagament interim għas-sena kontabilistika finali u jenħtieġ li l-pagamenti interim fl-2025 jiġu limitati għal 15 %.***

[61] Ir-Regolament (UE) 1303/2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[62] Ir-Regolament (UE) 223/2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

[61] Ir-Regolament (UE) 1303/2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[62] Ir-Regolament (UE) 223/2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) InvestEU huwa l-programm emblematiku tal-UE biex tingħata spinta lill-investiment, speċjalment it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, billi jiġi pprovdut finanzjament xprunat mid-domanda, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' taħlit, u assistenza teknika. Approċċ bħal dan jikkontribwixxi biex jinġabar kapital pubbliku u privat addizzjonali. Minħabba d-domanda għolja tas-suq tal-garanzija tal-InvestEU, il-kompartiment tal-UE tal-InvestEU jenħtieġ li jissaħħaħ biex jikkorrispondi mal-objettivi ta' STEP. Dan, fost affarijiet oħra, se jsaħħaħ il-possibbiltà eżistenti ta' InvestEU li ***tinvesti*** fi proġetti li jiffurmaw parti minn IPCEI, fi ħdan is-setturi tat-teknoloġija ***kritika*** identifikati. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkontribwixxu għall-kompartiment tal-Istat Membru tal-InvestEU biex jappoġġaw prodotti finanzjarji f'konformità mal-objettivi ta' STEP, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jinkludu bħala miżura fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza kontribuzzjoni fi flus għall-fini tal-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU biex jappoġġaw l-objettivi ta' | (19) InvestEU huwa l-programm emblematiku tal-UE biex tingħata spinta lill-investiment, speċjalment it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, billi jiġi pprovdut finanzjament xprunat mid-domanda, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' taħlit, u assistenza teknika. Approċċ bħal dan jikkontribwixxi biex jinġabar kapital pubbliku u privat addizzjonali. Minħabba d-domanda għolja tas-suq tal-garanzija tal-InvestEU, il-kompartiment tal-UE tal-InvestEU jenħtieġ li jissaħħaħ biex jikkorrispondi mal-objettivi ta' STEP. Dan, fost affarijiet oħra, se jsaħħaħ il-possibbiltà eżistenti ta' InvestEU li ***jinvesti*** fi proġetti li jiffurmaw parti minn IPCEI, fi ħdan is-setturi tat-teknoloġija ***rilevanti*** identifikati. ***Sabiex jiġi żgurat assorbiment sħiħ tal-fondi disponibbli u dment li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ma jkollhomx biżżejjed kapaċità biex jassorbu 25 % tal-garanzija tal-UE li hija allokata għalihom, il-Kummissjoni tista' b'mod eċċezzjonali tagħti aktar minn 75 % tal-garanzija tal-UE lill-Grupp tal-BEI. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinkoraġġixxi u tassisti lis-sħab ta' implimentazzjoni differenti mill-Grupp tal-BEI biex jassorbu b'mod sħiħ il-finanzjament li hu disponibbli għalihom.*** |

STEP. Dik il-kontribuzzjoni addizzjonali biex jiġu appoġġati l-objettivi ta' STEP tista' tilħaq sa 6 % tal-allokazzjoni finanzjarja totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom għall-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll flessibbiltà u kjarifiki addizzjonali biex jiġu segwiti aħjar l-objettivi ta' STEP.

Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkontribwixxu għall-kompartiment tal-Istat Membru tal-InvestEU biex jappoġġaw prodotti finanzjarji f'konformità mal-objettivi ta' STEP, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jinkludu bħala miżura fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza kontribuzzjoni fi flus għall-fini tal-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU biex jappoġġaw l-objettivi ta' STEP. Dik il-kontribuzzjoni addizzjonali biex jiġu appoġġati l-objettivi ta' STEP tista' tilħaq sa 6 % tal-allokazzjoni finanzjarja totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom għall-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll flessibbiltà u kjarifiki addizzjonali biex jiġu segwiti aħjar l-objettivi ta' STEP. ***B'mod ġenerali, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kollha inkarigati mill-programmi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni jaqgħu ta' STEP jenħtieġ li jiġu mħeġġa jiżguraw konsistenza, koerenza, komplementarjetà u sinerġija fost is-sorsi ta' finanzjament mal-objettivi ta' STEP.***

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Orizzont Ewropa huwa l-programm ta' finanzjament prinċipali tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) tiegħu jipprevedi appoġġ għall-innovazzjonijiet ta' natura potenzjalment rivoluzzjonarja u ta' tfixkil b'potenzjal ta' espansjoni li jistgħu jkunu riskjużi wisq għall-investituri privati. Jenħtieġ li tiġi prevista flessibbiltà addizzjonali taħt Orizzont Ewropa, sabiex | (20) Orizzont Ewropa huwa l-programm ta' finanzjament prinċipali tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) tiegħu jipprevedi appoġġ***, b'mod partikolari,*** għall-innovazzjonijiet ta' natura potenzjalment rivoluzzjonarja u ta' tfixkil b'potenzjal ta' espansjoni li jistgħu jkunu riskjużi wisq għall-investituri privati. Jenħtieġ li tiġi prevista flessibbiltà |

l-Aċċeleratur tal-EIC ikun jista' jipprovdi appoġġ ta' ekwità biss lil SMEs mhux bankabbli, inklużi negozji ġodda, u SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli, li jwettqu innovazzjoni ***fit-teknoloġiji*** appoġġati minn STEP u irrispettivament minn jekk qabel kinux irċevew tipi oħra ta' appoġġ mill-Aċċeleratur tal-EIC. ***L-implimentazzjoni*** tal-Fond tal-EIC ***bħalissa hija limitata*** għal ammont massimu ta' investiment ta' EUR 15-il miljun ħlief f'każijiet eċċezzjonali u ***ma tistax takkomoda*** ċikli ta' finanzjament ta' segwitu jew ammonti akbar ta' investiment. Il-permess għal appoġġ ta' ekwità biss għal SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli jindirizza d-distakk eżistenti fis-suq ***mal-ħtiġijiet*** ta' investiment fil-medda ta' EUR 15 sa 50 miljun. Barra minn hekk, l-esperjenza wriet li l-ammonti impenjati għall-proġett pilota tal-EIC taħt Orizzont 2020 ma jintużawx bis-sħiħ. ***Dawn*** il-fondi mhux użati jenħtieġ li jsiru disponibbli għall-finijiet tal-Aċċeleratur tal-EIC taħt Orizzont Ewropa. Ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa jenħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jirrifletti ż-żieda fil-pakkett għall-Fond Ewropew għad-Difiża.

addizzjonali taħt Orizzont Ewropa, sabiex l-Aċċeleratur tal-EIC ikun jista' jipprovdi appoġġ ta' ekwità biss lil SMEs mhux bankabbli, inklużi negozji ġodda, u SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli, li jwettqu innovazzjoni***, b'mod partikolari għal dawk li jaħdmu fuq it-teknoloġiji*** appoġġati minn STEP u irrispettivament minn jekk qabel kinux irċevew tipi oħra ta' appoġġ mill-Aċċeleratur tal-EIC. ***Fl-implimentazzjoni*** tal-Fond tal-EIC***, il-Kummissjoni tillimita l-investimenti tal-Fond*** għal ammont massimu ta' investiment ta' EUR 15-il miljun ħlief f'każijiet eċċezzjonali u ***dan jillimita l-Fond milli jakkomoda b'mod effettiv*** ċikli ta' finanzjament ta' segwitu jew ammonti akbar ta' investiment. Il-permess għal appoġġ ta' ekwità biss għal SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli jindirizza d-distakk eżistenti fis-suq***, b'mod partikolari għal ħtiġijiet*** ta' investiment fil-medda ta' EUR 15 sa 50 miljun. Barra minn hekk, l-esperjenza wriet li l-ammonti impenjati għall-proġett pilota tal-EIC taħt Orizzont 2020 ma jintużawx bis-sħiħ. ***B'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2018/1046, dawk*** il-fondi mhux użati jenħtieġ li jsiru disponibbli għall-finijiet tal-Aċċeleratur tal-EIC taħt Orizzont Ewropa. Ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa jenħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jirrifletti ż-żieda fil-pakkett għall-Fond Ewropew għad-Difiża.

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) L-EIC jiżvolġi rwol fundamentali biex joffri finanzjamenti inizjali lin-negozji l-ġodda u lill-kumpaniji żgħar*** |

***b'kapitalizzazzjoni medja li qed jikbru. Bl-għarfien speċjalizzat tiegħu, l-EIC jinsab fil-pożizzjoni ideali biex iqawwi l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-kumpaniji li jfittxu kapital biex jespandu lil hinn mill-fażi ta' innovazzjoni inizjali. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-Aċċelleratur tal-EIC s'issa wriet li n-natura ambizzjuża u trasformattiva tal-EIC bħala l-investitur ta' referenza għall-innovazzjoni rivoluzzjonarja fl-Ewropa permezz tal-Fond tal-EIC, ħolqot sfidi ta' implimentazzjoni u inċertezza legali għall-entitajiet ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwol tal-EIC u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs. Meta jitqies ir-rwol ċentrali tal-Fond tal-EIC fis-suċċess ta' STEP, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti dwar il-funzjonament tal-EIC jenħtieġ li jiġu ċċarati. Fil-proċess ta' titjib ulterjuri tal-funzjonament tal-EIC, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-istabbiliment ta' korp indipendenti tal-Unjoni skont l-Artikolu 187 tat-TFUE bħala l-entità ewlenija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-EIC.***

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-Fond Ewropew għad-Difiża huwa l-programm ewlieni għat-titjib tal-kompetittività, l-innovazzjoni, l-effiċjenza u l-awtonomija teknoloġika tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża huwa kruċjali, għax jirfed il-kapaċità u l-awtonomija tal-industrija Ewropea biex tiżviluppa prodotti tad-difiża u l-indipendenza tal-Istati Membri bħala utenti finali ta' tali prodotti. | (21) Il-Fond Ewropew għad-Difiża huwa l-programm ewlieni għat-titjib tal-kompetittività, l-innovazzjoni, l-effiċjenza u l-awtonomija teknoloġika tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża huwa kruċjali, għax jirfed il-kapaċità u l-awtonomija tal-industrija Ewropea biex tiżviluppa prodotti tad-difiża u l-indipendenza tal-Istati Membri bħala utenti finali ta' tali prodotti. |

| | |
|---|---|
| Għalhekk, jenħtieġ li l-pakkett addizzjonali jkun disponibbli biex jappoġġa ***azzjonijiet*** fil-qasam tat-teknoloġiji profondi u diġitali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-applikazzjonijiet għad-difiża. | Għalhekk, jenħtieġ li l-pakkett addizzjonali jkun disponibbli biex jappoġġa ***proġetti*** fil-qasam tat-teknoloġiji profondi u diġitali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-applikazzjonijiet għad-difiża. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli skont ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [RRF] fl-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jitolbu finanzjament addizzjonali fil-forma ta' self, meħud mill-appoġġ għal self li jibqa' disponibbli skont dak ir-Regolament wara l-1 ta' Settembru 2023, bil-ħsieb li jikkontribwixxu r-rikavati ta' dak is-self fil-forma ta' flus kontanti għall-kompartiment tal-Istat Membru tal-InvestEU biex jiġu appoġġati l-objettivi ta' STEP. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jitolbu tali appoġġ fil-forma ta' self sal-15 ta' Diċembru 2023.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP" jew il-"Pjattaforma") biex jiġu appoġġati teknoloġiji strateġiċi ***kritiċi u emerġenti***. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP" jew il-"Pjattaforma") biex jiġu appoġġati teknoloġiji strateġiċi ***u l-ktajjen ta' provvista rispettivi tagħhom fis-setturi*** |

| | |
|---|---|
| | ***rilevanti, u b'hekk tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], ir-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti] u r-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar il-Materja Prima Kritika]*** |
| | ***[1a] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tad-Deċennju Diġitali 2030,*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Biex jissaħħu s-sovranità u s-sigurtà tal-Ewropa, jiġu aċċellerati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-Unjoni u tissaħħaħ il-kompetittività tagħha, ***jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tagħha,*** jiġu promossi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku għall-investimenti madwar l-Unjoni, u jiġi promoss l-aċċess inkluživ għal impjiegi attraenti u ta' kwalità, il-Pjattaforma għandha ssegwi l-objettivi li ġejjin: | 1. Biex jissaħħu s-sovranità u s-sigurtà ***industrijali*** tal-Ewropa, ***jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni,*** jiġu aċċellerati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-Unjoni u tissaħħaħ il-kompetittività tagħha, jiġu promossi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku għall-investimenti madwar l-Unjoni, ***titrawwem il-parteċipazzjoni transfruntiera, inkluż tal-SMEs, jissaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali*** u ***territorjali u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u r-reġjuni,*** jiġi promoss l-aċċess inkluživ għal impjiegi attraenti u ta' kwalità, ***u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament għall-promoturi tal-proġetti, jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom,*** il-Pjattaforma għandha ssegwi l-objettivi li ġejjin: |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura madwar l-Unjoni ta' teknoloġiji ***kritiċi***, jew tħares u ssaħħaħ il-ktajjen ***tal-valur*** rispettivi***, fl-oqsma*** li ġejjin: | (a) tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura madwar l-Unjoni ta' teknoloġiji, jew tħares u ssaħħaħ il-ktajjen ***ta' provvista*** rispettivi ***kif imsemmi fil-paragrafu 4 fis-setturi*** li ġejjin: |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) teknoloġiji ***profondi*** u diġitali | (i) teknoloġiji ***diġitali, inklużi proġetti multinazzjonali kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (2) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew*** u ***tal-Kunsill u li jikkontribwixxu għall-miri u għall-objettivi tal-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju*** Diġitali ***stabbilit b'dik id-Deċiżjoni;*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) teknoloġiji ***nodfa*** | (ii) teknoloġiji ***b'emissjonijiet żero netti kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (...) tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti];*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) bijoteknoloġiji | (iii) bijoteknoloġiji***, kif definiti fl-Anness ta' dan ir-Regolament u xjenza tal-ħajja, inklużi prodotti mediċinali mniżżla fil-Lista tal-Unjoni ta' Prodotti Mediċinali Kritiċi u l-komponenti tagħhom;*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-indirizzar tal-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u ta' ħiliet kritiċi għat-tipi kollha ta' impjiegi ta' kwalità b'appoġġ għall-objettiv ***taħt il-punt*** (a). | (b) l-indirizzar tal-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u ta' ħiliet kritiċi għat-tipi kollha ta' impjiegi ta' kwalità b'appoġġ għall-objettiv ***indikat fil-punt*** (a)***, b'mod partikolari permezz tat-tagħlim tul il-ħajja u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali u l-inizjattivi tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġà fis-seħħ, inklużi l-Akkademji Ewropej b'Emissjonijiet Żero Netti stabbiliti skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti];*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) it-trawwim tal-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda, b'appoġġ għall-objettiv stabbilit fil-punt (a), li għandha l-potenzjal li twassal soluzzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***trasformattivi, imsejsa fuq ix-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinerija mill-aktar avvanzati, inkluża l-innovazzjoni li tikkombina l-avvanzi fl-isferi fiżiċi, bijoloġiċi u diġitali.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-teknoloġiji msemmija fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu għandhom jitqiesu bħala kritiċi meta jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: | 2. It-teknoloġiji msemmija fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu***, inklużi l-ktajjen tal-provvista tagħhom,*** għandhom jitqiesu bħala kritiċi meta jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sa ... [xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddefinixxi kif it-teknoloġiji, inklużi l-ktajjen tal-provvista tagħhom, imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dan il-paragrafu. L-att delegat għandu jiġi rieżaminat fid-dawl tar-rapport ta' evalwazzjoni interim imsemmi fl-Artikolu 8.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Meta Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b) tat-TFUE jkun relatat ma' kwalunkwe wieħed mill-oqsma tat-teknoloġija msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, it-teknoloġiji rilevanti għandhom jitqiesu bħala kritiċi.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-katina ***tal-valur*** għall-manifattura ta' teknoloġiji ***kritiċi*** msemmija ***fl-ewwel paragrafu*** hija relatata mal-prodotti finali, kif ukoll mal-komponenti ***ewlenin***, mal-makkinarju ***speċifiku*** u mal-materja prima kritika ***użata primarjament*** għall-produzzjoni ta' dawk il-prodotti. | 4. Il-katina ***ta' provvista*** għall-manifattura ta' teknoloġiji msemmija ***fil-paragrafu 1*** hija relatata mal-prodotti finali, kif ukoll mal-komponenti, mal-makkinarju u mal-materja prima kritika ***kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar il-Materja Prima Kritika] li huma indispensabbli*** għall-produzzjoni ***u l-funzjonament*** ta' dawk il-prodotti. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Proġetti strateġiċi kif identifikati skont ir-Regolamenti (UE) .../... [L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti], li jikkonformaw jew mal-kriterji ta' reżiljenza kif definiti fl-Artikolu 10(1)(a) ta' dak ir-Regolament jew mal-kriterji tal-kompetittività kif definiti fl-Artikolu 10(1)(b) ta' dak ir-Regolament fil-proċess tal-għażla ta' proġetti strateġiċi*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***b'emissjonijiet żero netti, u (UE).... [l-Att dwar il-Materja Prima Kritika] għandhom jiġi kkunsidrati li jissodisfaw l-objettivi tal-Pjattaforma STEP kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4b (ġdid).**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Meta jimplimentaw programmi u attivitajiet biex jintlaħqu l-objettivi skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu enfażi speċifika fuq l-appoġġ għall-Widien tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti kif definit fir-Regolament (UE).../... [L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti] proġetti f'territorji inklużi fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta kif imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1056, u f'reġjuni anqas żviluppati u f'reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll f'reġjuni aktar żviluppati fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-implimentazzjoni*** tal-Pjattaforma ***għandha tiġi appoġġata, b'mod partikolari, permezz*** ta': | 1. ***L-appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni*** tal-Pjattaforma ***għandu jiġi pprovdut mill-programmi u l-fondi eżistenti tal-Unjoni. Sabiex tissaħħaħ il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***kapaċità tagħhom li jilħqu l-objettivi*** ta' ***STEP, għandu jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali għall-programmi u l-fondi tal-Unjoni li ġejjin***: |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) garanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2021/523 bl-ammont indikattiv ta' EUR ***7 500 000 000. Dik il-garanzija*** għandha tiġi implimentata f'konformità ***mar-Regolament (UE) 2021/523***; | (a) garanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2021/523 bl-ammont indikattiv ta' EUR ***10 500 000 000, li*** għandha tiġi implimentata f'konformità ***ma' dak ir-Regolament***; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ammont ta' EUR ***500 000 000*** fi prezzijiet attwali tal-pakkett finanzjarju msemmi ***fil-punt (i) tal-Artikolu*** 12(2)(c) tar-Regolament (UE) 2021/695***. Dak l-ammont*** għandu jiġi implimentat f'konformità ***mar-Regolament (UE) 2021/695***; | (b) ammont ta' EUR ***1 300 000 000*** fi prezzijiet attwali tal-pakkett finanzjarju msemmi ***fl-Artikolu*** 12(2)(c)***, il-punt (i),*** tar-Regolament (UE) 2021/695***, li*** għandu jiġi implimentat f'konformità ***ma' dak ir-Regolament***; |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ammont ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet attwali tal-pakkett finanzjarju | (c) ammont ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet attwali tal-pakkett finanzjarju |

| | |
|---|---|
| msemmi fis-sitt subparagrafu ***tal-Artikolu 10a***(8) tad-Direttiva 2003/87/KE***. Dak l-ammont*** għandu jiġi implimentat fi ħdan il-Fond għall-Innovazzjoni f'konformità mar-regoli ***tal-Artikolu 10a***(8) tad-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni ***[2019/856]***. | msemmi fis-sitt subparagrafu ***tal-Artikolu 10a***(8) tad-Direttiva 2003/87/KE***, li*** għandu jiġi implimentat fi ħdan il-Fond għall-Innovazzjoni f'konformità mar-regoli ***tal-Artikolu 10a***(8) tad-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni ***(UE) 2019/856***. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ammont ta' EUR ***1 500 000 000*** fi prezzijiet attwali tal-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2021/697***. Dak l-ammont*** għandu jiġi implimentat f'konformità ***mar-Regolament (UE) 2021/697.*** | (d) ammont ta' EUR ***2 500 000 000*** fi prezzijiet attwali tal-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2021/697***, li*** għandu jiġi implimentat f'konformità ***ma' dak ir-Regolament;*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-Siġill tas-Sovranità u ***l-finanzjament*** kumulattiv | Is-Siġill tas-Sovranità***, il-finanzjament ikkombinat*** u kumulattiv |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tagħti Siġill tas-Sovranità lil kwalunkwe ***azzjoni li tikkontribwixxi*** għal kwalunkwe objettiv tal-Pjattaforma, sakemm ***l-azzjoni tkun ġiet*** | 1. Il-Kummissjoni għandha tagħti Siġill tas-Sovranità lil kwalunkwe ***proġett li jikkontribwixxi*** għal kwalunkwe objettiv tal-Pjattaforma, sakemm ***ikun ġie vvalutat*** |

| | |
|---|---|
| ***ivvalutata u tikkonforma*** mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità, b'mod partikolari l-kriterji tal-eliġibbiltà, tal-esklużjoni u tal-għoti, ipprovduti minn sejħa għal proposti skont ir-Regolament (UE) 2021/695, ir-Regolament (UE) 2021/694, Ir-Regolament (UE) 2021/697, ir-Regolament (UE) 2021/522, jew ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856. | ***ujikkonforma*** mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità, b'mod partikolari l-kriterji tal-eliġibbiltà, tal-esklużjoni u tal-għoti, ipprovduti minn sejħa għal proposti skont ir-Regolament (UE) 2021/695, ir-Regolament (UE) 2021/694, Ir-Regolament (UE) 2021/697, ir-Regolament (UE) 2021/522, ***ir-Regolament (UE) 2021/1060*** jew ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856***, jew ikun ġie identifikat bħala proġett strateġiku kif definit fir-Regolament (UE) ../... ("L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti"), jekk dak il-proġett jikkonforma jew mal-kriterji ta' reżiljenza kif definiti fl-Artikolu 10(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament jew mal-kriterji tal-kompetittività kif definiti fl-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament NZIA fil-proċess tal-għażla ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, jew kif definit fir-Regolament (UE).../... ["l-Att dwar il-Materja Prima Kritika"]. Dawk is-sejħiet għal proposti għandhom ikunu jibqgħu miftuħin kontinwament.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Meta tivvaluta jekk proġett jikkontribwixxix għal xi wieħed mill-objettivi tal-Pjattaforma f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-kontribut tal-proġett għat-tisħiħ u l-istrutturar tan-networks lokali ta' atturi industrijali u l-kontribut tiegħu għall-ħolqien tal-impjiegi.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Is-Siġill tas-Sovranità għandu jkun validu għall-perjodu tal-implimentazzjoni tal-proġett, li matulu għandu jkun hemm impenn mill-kumpanija li ma tirrilokax il-proġett barra mill-Unjoni. Jekk proġett li jkun ingħata s-Siġill tas-Sovranità ma jkunx beda wara ħames snin, dan jista' jiġi rieżaminat għall-fini ta' kompatibbiltà mal-prijoritajiet strateġiċi ta' STEP. Meta twettaq ir-rieżami msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-proġetti kollha jikkonformaw mal-liġijiet tax-xogħol tal-Unjoni u dawk nazzjonali, mad-drittijiet soċjali u d-drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll mal-ftehimiet kollettivi applikabbli.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Is-Siġill tas-Sovranità ma għandux jingħata għal proġetti ġestiti minn entità ġuridika stabbilita f'pajjiż terz li ma tkunx assoċjata mal-programm tal-Unjoni kkonċernat jew, fejn ikun stabbilit fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat li jkollu l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tiegħu f'pajjiż mhux assoċjat.*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. Proġetti ġestiti minn entitajiet ġuridiċi li jiffurmaw konsorzju għandhom jingħataw Siġill tas-Sovranità biss jekk*** |

| | |
|---|---|
| | ***mill-inqas entità ġuridika indipendenti waħda li tifforma dak il-konsorzju tkun stabbilita fi Stat Membru u mill-inqas żewġ entitajiet ġuridiċi indipendenti oħra li jiffurmaw dak il-konsorzju jkunu stabbiliti fi Stati Membri jew pajjiżi assoċjati differenti.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-Siġill tas-Sovranità ***jista'*** jintuża bħala tikketta ta' kwalità, b'mod partikolari għall-finijiet ta': | 2. Is-Siġill tas-Sovranità ***għandu*** jintuża bħala tikketta ta' kwalità, b'mod partikolari għall-finijiet ta': |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ir-riċeviment ta' appoġġ ***għall-azzjoni*** taħt fond jew programm ieħor tal-Unjoni f'konformità mar-regoli applikabbli għal dak il-fond jew programm, jew | (a) ir-riċeviment ta' appoġġ ***għall-proġett*** taħt fond jew programm ieħor tal-Unjoni f'konformità mar-regoli applikabbli għal dak il-fond jew programm, jew |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-finanzjament ***tal-azzjoni*** permezz ta' finanzjament kumulattiv jew ikkombinat ma' strument ieħor tal-Unjoni f'konformità mar-regoli tal-atti bażiċi applikabbli. | (b) il-finanzjament ***tal-proġett*** permezz ta' finanzjament kumulattiv jew ikkombinat ma' strument ieħor tal-Unjoni f'konformità mar-regoli tal-atti bażiċi applikabbli. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta jirrevedu l-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u reżiljenza f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241, l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, iqisu bħala prijorità ***azzjoni li tkun ingħatat*** Siġill tas-Sovranità f'konformità mal-paragrafu 1. | 3. Meta jirrevedu l-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u reżiljenza f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241, l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, iqisu bħala prijorità ***proġetti li jkunu ingħataw*** Siġill tas-Sovranità f'konformità mal-paragrafu 1. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta jiddeċiedu dwar x'proġetti ta' investiment għandhom jiffinanzjaw mill-ishma rispettivi tagħhom tal-Fond għall-Modernizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw bħala prijorità ***proġett għal teknoloġiji nodfa kritiċi li jkun ingħata*** is-Siġill tas-Sovranità f'konformità mal-paragrafu 1. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu appoġġ nazzjonali lil proġetti b'Siġill tas-Sovranità li jikkontribwixxu għall-objettiv tal-Pjattaforma ***msemmi fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 2(1)***. | 4. Meta jiddeċiedu dwar x'proġetti ta' investiment għandhom jiffinanzjaw mill-ishma rispettivi tagħhom tal-Fond għall-Modernizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ***dawk il-proġetti għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti*** bħala prijorità ***kif definit fir-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti] li jkunu ngħataw*** is-Siġill tas-Sovranità f'konformità mal-paragrafu 1. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu appoġġ nazzjonali lil proġetti b'Siġill tas-Sovranità li jikkontribwixxu għall-objettiv tal-Pjattaforma ***għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti kif definit fir-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti].*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Skont ir-Regolament (UE) 2021/523, is-Siġill tas-Sovranità għandu jitqies fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-verifika tal-politiki kif stabbilit fl-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, is-sħab ta' implimentazzjoni għandhom jeżaminaw proġetti li jkunu ngħataw is-Siġill tas-Sovranità f'każ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u tal-attività tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 26(5) ta' dak ir-Regolament. | 5. Skont ir-Regolament (UE) 2021/523, is-Siġill tas-Sovranità għandu jitqies fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-verifika tal-politiki kif stabbilit fl-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, is-sħab ta' implimentazzjoni għandhom jeżaminaw ***b'mod f'waqtu*** proġetti li jkunu ngħataw is-Siġill tas-Sovranità f'każ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u tal-attività tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 26(5) ta' dak ir-Regolament. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***Il-Kumitat STEP*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Kumitat STEP magħmul minn esperti tal-Kummissjoni dwar it-teknoloġiji msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (a) u dwar il-programmi u l-fondi tal-Unjoni li minnhom il-Pjattaforma hija appoġġata finanzjarjament.*** |
| | ***2. Il-Kumitat STEP għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:*** |
| | ***(a) jagħti u jippromwovi s-Siġill tas-Sovranità msemmi fl-Artikolu 4(1) u jikkollabora mal-awtoritajiet maniġerjali responsabbli għas-sejħiet għal proposti u s-sejħiet għall-offerti biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' finanzjament fil-programmi kollha għal proġetti li ngħataw is-Siġill tas-Sovranità, mingħajr*** |

*ma jinterferixxi fil-proċeduri tal-għażla;*

*(b) jagħti s-Siġill tas-Sovranità lil proġetti ffinanzjati mill-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni li jikkontribwixxu g ħall-objettivi tal-Pjattaforma kif stabbilit fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament;*

*(c) jistabbilixxi u jimmaniġġja l-Portal tas-Sovranità f'konformità mal-Artikolu 6;*

*(d) jikkollabora ma' strutturi eżistenti oħra, speċjalment il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti] u l-Bord dwar il-Materja Prima Kritika stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... [L-Att dwar il-Materja Prima Kritika], l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura f'konformità mal-Artikolu 6(4) ta' dan ir-Regolament, is-sħab ta' implimentazzjoni u l-Grupp Konsultattiv Industrijali msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, bil-ħsieb li jikkoordinaw u jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħtiġijiet finanzjarji tal-konġestjonijiet eżistenti u l-aħjar prattiki għall-proġetti madwar l-Unjoni;*

*(e) irawwem kuntatti bejn is-setturi msemmija fl-Artikolu 2, filwaqt li jagħmel użu partikolari minn alleanzi, networks u strutturi industrijali eżistenti, bħall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Impriżi Konġunti;*

*3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Grupp Konsultattiv Ewropew dwar it-Teknoloġiji Strateġiċi magħmul minn rappreżentanti tal-industrija tal-Unjoni biex jagħtiha pariri u jgħinha fl-implimentazzjoni tal-Pjattaforma fis-setturi rilevanti.*

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 5*** | ***imħassar*** |
| ***Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni*** | |
| ***1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjattafroma u tkejjel l-ilħiq tal-objettivi tal-Pjattaforma stabbiliti fl-Artikolu 2. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqin fl-ambitu tal-Pjattaforma.*** | |
| ***2. Is-sistema ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet imwettqa fl-ambitu tal-Pjattaforma u r-riżultati ta' dawk l-attivitajiet jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv u rapidu.*** | |
| ***3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar in-nefqa ffinanzjata mill-Pjattaforma. Hija għandha, kif xieraq, tirrapporta dwar il-kisbiet relatati ma' kull wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-Pjattaforma.*** | |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sit web iddedikat disponibbli għall-pubbliku (il-"Portal tas-Sovranità"), li jipprovdi ***lill-investituri b'***informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament għal proġetti marbuta mal-objettivi tal-Pjattaforma u jagħti viżibbiltà lil dawk il-proġetti, b'mod partikolari billi juri l-informazzjoni li ġejja: | 1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sit web iddedikat disponibbli għall-pubbliku (il-"Portal tas-Sovranità"), li jipprovdi informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament għal proġetti marbuta mal-objettivi tal-Pjattaforma u jagħti viżibbiltà lil dawk il-proġetti, b'mod partikolari billi juri l-informazzjoni li ġejja: |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti attwali u futuri marbuta mal-objettivi tal-Pjattaforma fl-ambitu tal-programmi u l-fondi rispettivi; | (a) ***informazzjoni dwar programmi u fondi tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*** sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti attwali u futuri marbuta mal-objettivi tal-Pjattaforma fl-ambitu tal-programmi u l-fondi rispettivi; |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***kuntatti mal-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti maħtura f'konformità mal-paragrafu 4; | (d) ***dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti maħtura f'konformità mal-paragrafu 4; |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Portal tas-Sovranità għandu jinkludi simulatur rapidu biex jipprovdi lill-promoturi tal-proġetti, speċjalment lill-SMEs, gwida dwar il-programm jew il-fond tal-Unjoni li għalih il-proġett partikolari tagħhom jista' jkun eliġibbli. Is-simulatur ma għandux jirrikjedi li l-promoturi tal-proġett jipprovdu informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u r-riżultati tagħha ma għandhomx ikunu legalment vinkolanti fuq l-awtoritajiet responsabbli għall-għoti tal-finanzjament.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Għal proġetti relatati mas-sigurtà u d-difiża, il-wiri tal-informazzjoni għandu jsir biss abbażi ta' każ b'każ, jekk jitqies meħtieġ mill-promotur tal-proġett jew mill-Kummissjoni, filwaqt li titqies il-kunfidenzjalità tas-sigurtà tal-informazzjoni fi kwistjonijiet ta' difiża.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Rapport*** annwali | ***Monitoraġġ u rapportar*** annwali |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha ***tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar*** l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma. | 1. Il-Kummissjoni għandha ***timmonitorja*** l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ***u tkejjel l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2***. ***Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqa fl-ambitu tal-Pjattaforma.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tfassal is-sistema tal-monitoraġġ b'tali mod li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet imwettqa fl-ambitu tal-Pjattaforma u r-riżultati ta' dawk l-attivitajiet jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv u rapidu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq il-benefiċjarji tal-finanzjament.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1b. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma. Ir-rapport annwali għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni konsolidata dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Pjattaforma taħt kull wieħed mill-programmi u l-fondi. | 2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni konsolidata dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Pjattaforma taħt kull wieħed mill-programmi u l-fondi ***kif ukoll informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kontribuzzjoni tal-Pjattaforma għal proġetti transfruntiera u għal proġetti għal kull Stat Membru***. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) in-nefqa globali ta’ STEP iffinanzjata taħt il-programmi rispettivi; | (a) in-nefqa globali ta’ STEP iffinanzjata taħt il-programmi ***u l-fondi*** rispettivi; |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) valutazzjoni tal-impatt li tiddetermina kif il-programmi akkumulati taħt STEP jikkontribwixxu għall-objettivi strateġiċi tal-Unjoni dwar l-iżgurar tal-kompetittività fit-tul;*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 - paragrafu 3 - punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) analiżi tad-distribuzzjoni ġeografika u teknoloġika tal-proġetti li ngħataw is-Siġill tas-Sovranità.*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-31 ta’ Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta’ evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma. | 1. Sal-31 ta’ Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta’ evalwazzjoni ***interim*** dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma***, dwar l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***istat tad-dipendenzi tal-Unjoni, u dwar is-setturi ta' importanza strateġika għas-sovranità tagħha, bl-għan li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet jiġi infurmat fil-ħin dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għal wara l-2027*.** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu, b'mod partikolari, jivvaluta sa fejn ***intlaħqu l-objettivi***, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew. ***Huwa għandu jindirizza*** wkoll ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u ***l-azzjonijiet*** kollha, fid-dawl tal-espansjoni potenzjali tagħhom. | 2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ***interim*** għandu, b'mod partikolari, jivvaluta sa fejn ***STEP ikkontribwiet għall-ilħuq tal-objettivi***, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew ***tal-Pjattaforma***. ***Hija għandha tipprovdi*** wkoll ***ħarsa ġenerali lejn ir-reġjuni li għalihom ġew emendati l-programmi, inkluża informazzjoni dwar aspetti rilevanti tal-prinċipju tas-sħubija, tqis*** ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u ***l-proġetti*** kollha, fid-dawl tal-espansjoni potenzjali tagħhom***, u tivvaluta l-fattibbiltà li jiġu kkombinati s-siti web disponibbli pubblikament eżistenti kollha ġestiti mill-Kummissjoni u li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-programmi u l-fondi tal-Unjoni taħt ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta f'portal uniku, biex l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni jitqarrbu lejn il-benefiċjarji potenzjali u tissaħħaħ it-trasparenza lejn iċ-ċittadini tal-Unjoni***. |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jekk ikun xieraq, ***l-evalwazzjoni għandha tkun akkumpanjata*** minn proposta għall-emendi ta' dan ir- | 3. Jekk ikun xieraq, ***rapport ta' evalwazzjoni interim għandu jkun akkumpanjat*** minn proposta għall-emendi |

| | |
|---|---|
| Regolament. | ta' dan ir-Regolament ***jew permezz ta' proposta leġiżlattiva għal Fond Ewropew ta' Sovranità, bl-għan li jgħin fit-tfassil u t-tisħiħ ta' politika industrijali Ewropea u biex jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u li jiżgura l-funzjonament korrett tas-suq uniku, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq u jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi***. ***Fejn il-Kummissjoni tagħżel li ma tippreżentax proposta leġiżlattiva għal Fond Ewropew ta' Sovranità, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha fir-rapport ta' evalwazzjoni interim tagħha.*** |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-programmi u l-fondi tal-Unjoni li minnhom il-Pjattaforma hija appoġġata finanzjarjament, iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2031, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni finali dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn valutazzjoni bir-reqqa tal-impatti territorjali differenzjati u l-effetti fuq il-koeżjoni li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Pjattaforma.*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minbarra l-kwoti msemmija fl-ewwel sal-ħames subparagrafi ta' dan il-paragrafu, il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jimplimenta wkoll pakkett finanzjarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2027 ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet attwali bħala appoġġ għal investimenti li jikkontribwixxu għall-objettiv ta' STEP ***imsemmi fil-punt*** (a)(***ii)*** ***tal-Artikolu 2 tar-Regolament …/…***[63] ***[ir-Regolament*** dwar ***STEP]. Dan*** il-pakkett finanzjarju għandu jkun disponibbli biex jappoġġa ***investimenti biss*** fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017. | Minbarra l-kwoti msemmija fl-ewwel sal-ħames subparagrafi ta' dan il-paragrafu, il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jimplimenta wkoll pakkett finanzjarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2027 ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet attwali bħala appoġġ għal investimenti li jikkontribwixxu għall-objettiv ta' STEP ***għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti kif definit fi [Artikolu 3, punt*** (a)***] tar-Regolament*** (***UE) …/... [L-Att*** dwar ***l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti] billi dan il-pakkett finanzjarju jkun disponibbli għal Proġetti Strateġiċi kif definit fl-[Artikolu 2, punt (e)] tar-Regolament (UE).../... [L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti], dment li jikkonformaw mal-kriterji ta' reżiljenza jew tal-kompetittività stabbiliti fl-Artikolu 10 (1), il-punt (a) jew (b), tar-Regolament (UE).../... [L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti]. Sal-31 ta' Diċembru 2025,*** il-pakkett finanzjarju għandu jkun disponibbli ***f'partijiet ugwali*** biex jappoġġa ***l-investimenti:***<br><br>***(a)*** fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-***Unjoni*** tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017; kif ukoll<br><br>***(b)*** ***fl-Istati Membri kollha.***<br><br>***Mill-1 ta' Jannar 2026, il-fondi mhux użati tal-pakkett finanzjarju għandhom ikunu disponibbli biex jappoġġaw dawn l-investimenti fl-Istati Membri kollha.*** |

***62a Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE)***

***2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L ..., p. ...)***

***[63] Ir-Regolament …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill … [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].***

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 2Direttiva 2021/1058/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt ix

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ix) ***l-appoġġ*** għall-investimenti li jikkontribwixxu ***għall-objettiv*** ta' STEP ***imsemmi*** fl-Artikolu ***2(1), il-punt (a)(ii)*** tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP] ***[ir-Regolament dwar STEP]***. | (ix) ***appoġġ*** għall-investimenti li jikkontribwixxu ***għall-objettivi*** ta' STEP ***imsemmija*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej: | (3) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej: |
| "Ir-riżorsi taħt l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(1), ***l-ewwel subparagrafu,*** il-punti (a)(vi) u (b)(ix) għandhom jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati li jikkorrispondu għall-objettiv ta' politika rispettiv. | ***1a.*** Ir-riżorsi taħt l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(1), il-punti (a)(vi) u (b)(ix) għandhom jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati li jikkorrispondu għall-objettiv ta' politika rispettiv ***u għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 20% tal-allokazzjoni inizjali tal-FEŻR***. |
| Il-Kummissjoni għandha tħallas 30 % tal-allokazzjoni tal-FEŻR ***lil dik il-prijorità*** kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament | Il-Kummissjoni għandha tħallas 30 % tal-allokazzjoni tal-FEŻR ***lill-prijoritajiet msemmija fl-ewwel subparagrafu*** kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda |

| | |
|---|---|
| eċċezzjonali ta’ darba minbarra l-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 jew fl-Artikolu 51(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/1059. Il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas sal-31 ta’ Diċembru 2024, sakemm il-Kummissjoni tkun adottat id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm sal-31 ta’ Ottubru 2024. | tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta’ darba minbarra l-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 jew fl-Artikolu 51(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/1059. Il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas sal-31 ta’ Diċembru 2024, sakemm il-Kummissjoni tkun adottat id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm sal-31 ta’ Ottubru 2024. |
| F’konformità mal-Artikolu 90(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u mal-Artikolu 51(5) tar-Regolament (UE) 2021/1059, l-ammont imħallas bħala prefinanzjament eċċezzjonali għandu jiġi kklerjat sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali. | F’konformità mal-Artikolu 90(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u mal-Artikolu 51(5) tar-Regolament (UE) 2021/1059, l-ammont imħallas bħala prefinanzjament eċċezzjonali għandu jiġi kklerjat sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali. |
| F’konformità mal-Artikolu 90(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, kwalunkwe mgħax iġġenerat mill-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jintuża għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-FEŻR u għandu jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali. | F’konformità mal-Artikolu 90(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, kwalunkwe mgħax iġġenerat mill-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jintuża għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-FEŻR u għandu jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali. |
| F’konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament eċċezzjonali ma għandux jiġi sospiż. | F’konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament eċċezzjonali ma għandux jiġi sospiż. |
| F’konformità mal-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament li għandu jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati għandu jinkludi l-prefinanzjament eċċezzjonali mħallas. | F’konformità mal-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament li għandu jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati għandu jinkludi l-prefinanzjament eċċezzjonali mħallas. |
| B’deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rati ***massimi*** ta’ kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw l-objettivi ta’ STEP ***għandhom*** jiżdiedu ***għal*** 100 %.” | B’deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rati ta’ kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw l-objettivi ta’ STEP ***imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP] jistgħu*** jiżdiedu ***sa*** 100 %.” |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "(e) meta jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku skont il-PO 1 stabbilit fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(vi) jew għall-objettiv speċifiku skont il-PO 2 stabbilit fil-punt (b)(ix) ta' dak is-subparagrafu, f'reġjuni anqas żviluppati u f'reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll reġjuni aktar żviluppati fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017. | "(e) meta jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku skont il-PO 1 stabbilit fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(vi) jew għall-objettiv speċifiku skont il-PO 2 stabbilit fil-punt (b)(ix) ta' dak is-subparagrafu, f'reġjuni anqas żviluppati u f'reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll reġjuni aktar żviluppati fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017***, filwaqt li tinżamm l-enfażi fuq l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja***. |
| Il-punt (e) għandu japplika għall-programmi ta' Interreg fejn il-kopertura ġeografika tal-programm fl-Unjoni tikkonsisti esklużivament minn kategoriji ta' reġjuni stabbiliti f'dak il-punt." | Il-punt (e) għandu japplika għall-programmi ta' Interreg fejn il-kopertura ġeografika tal-programm fl-Unjoni tikkonsisti esklużivament minn kategoriji ta' reġjuni stabbiliti f'dak il-punt." |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/1058
Anness 1 – Tabella 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Fl-Anness I, Tabella I, tiżdied ir-ringiela li ġejja taħt l-objettiv ta' politika 1:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | (vi) appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar- | Kwalunkwe RCO elenkat għall-objettivi speċifiċi (i), (iii) u (iv)<br>RCO125 Ditti: L- | Kwalunkwe RCR elenkat għall-objettivi speċifiċi (i), (iii) u (iv) |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]. | intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fit-teknoloġiji ***profondi u*** diġitali<br><br>RCO126 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fit-teknoloġiji ***nodfa***<br><br>RCO127 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fil-bijoteknoloġiji<br><br>[Dawn l-indikaturi għandhom jiġu rrapportati bħala subsettijiet ta' RC001-RCO04] | |

*Emenda*

(6) Fl-Anness I, Tabella I, tiżdied ir-ringiela li ġejja taħt l-objettiv ta' politika 1:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | (vi) appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]. | Kwalunkwe RCO elenkat għall-objettivi speċifiċi (i), (iii) u (iv)<br><br>RCO125 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti | Kwalunkwe RCR elenkat għall-objettivi speċifiċi (i), (iii) u (iv) |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | produttivi fit-teknoloġiji diġitali<br><br>RCO126 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fit-teknoloġiji ***b'emissjonijiet netti żero***<br><br>RCO127 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fil-bijoteknoloġiji<br><br>[Dawn l-indikaturi għandhom jiġu rrapportati bħala subsettijiet ta' RC001-RCO04] | |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 7**
Regolament (UE) 2021/1058
Anness 1 – Tabella 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Fl-Anness I, Tabella I, tiżdied ir-ringiela li ġejja taħt l-objettiv ta' politika 2:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | (ix) appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... | Kwalunkwe RCO elenkat għal-objettivi speċifiċi (i), (iii), (iv) u (vi) taħt l-objettiv ta' politika 1<br><br>RCO125 Ditti: L-intrapriżi | Kwalunkwe RCR elenkat għall-objettivi speċifiċi (i), (iii) u (iv) taħt l-objettiv ta' politika 1 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | [ir-Regolament dwar STEP]. | appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fit-teknoloġiji ***profondi u*** diġitali<br><br>RCO126 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fit-teknoloġiji ***nodfa***<br><br>RCO127 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fil-bijoteknoloġiji<br><br>[Dawn l-indikaturi għandhom jiġu rrapportati bħala subsettijiet ta' RC001-RCO04] | |

*Emenda*

(7) Fl-Anness I, Tabella I, tiżdied ir-ringiela li ġejja taħt l-objettiv ta' politika 2:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | (ix) appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]. | Kwalunkwe RCO elenkat għal-objettivi speċifiċi (i), (iii), (iv) u (vi) taħt l-objettiv ta' politika 1<br><br>RCO125 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' | Kwalunkwe RCR elenkat għall-objettivi speċifiċi (i), (iii) u (iv) taħt l-objettiv ta' politika 1 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | investimenti produttivi fit-teknoloġiji diġitali<br><br>RCO126 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fit-teknoloġiji ***b'emissjonijiet netti żero***<br><br>RCO127 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fil-bijoteknoloġiji<br><br>[Dawn l-indikaturi għandhom jiġu rrapportati bħala subsettijiet ta' RC001-RCO04] | |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (UE) 2021/1056
Artikolu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-JTF għandu jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku li jippermetti lir-reġjuni u lin-nies jindirizzaw l-impatti soċjali, l-impjiegi, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima | F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-JTF għandu jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku li jippermetti lir-reġjuni u lin-nies jindirizzaw l-impatti soċjali, l-impjiegi, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima |

sal-2050, abbażi tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-JTF jista' jappoġġa wkoll investimenti li jikkontribwixxu għall-objettiv ta' STEP imsemmi fl-Artikolu 2***(1), il-punt (a)(ii)*** tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP].***"***

sal-2050, abbażi tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-JTF jista' jappoġġa wkoll investimenti li jikkontribwixxu għall-objettiv ta' STEP imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP].

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (UE) 2021/1056
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu ġdid

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-JTF ***jista'*** jappoġġa wkoll investimenti produttivi f'intrapriżi oħra ***għajr*** l-SMEs li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../...[65] [ir-Regolament dwar STEP]. Dak l-appoġġ jista' jiġi pprovdut irrispettivament minn jekk l-analiżi tad-diskrepanza tkunx twettqet f'konformità mal-Artikolu 11(2)(h) u irrispettivament mill-eżitu tagħha. Tali investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta ma jwasslux għal rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (27) tar-Regolament (UE) 2021/1060. L-għoti ta' tali appoġġ ma għandux jirrikjedi reviżjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta ***fejn dik ir-reviżjoni tkun marbuta esklużivament mal-analiżi tal-lakuni***.

[65] Ir-Regolament …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill … [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

*Emenda*

Il-JTF jappoġġa wkoll investimenti produttivi f'intrapriżi oħra***, b'enfażi fuq*** l-SMEs ***u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja,*** li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../...[65] [ir-Regolament dwar STEP]. Dak l-appoġġ jista' jiġi pprovdut irrispettivament minn jekk l-analiżi tad-diskrepanza tkunx twettqet f'konformità mal-Artikolu 11(2)(h) u irrispettivament mill-eżitu tagħha. Tali investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta ma jwasslux għal rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (27) tar-Regolament (UE) 2021/1060. ***L-apprendistati u l-impjiegi, l-edukazzjoni jew it-taħriġ għal ħiliet ġodda għandhom jiġu kkunsidrati fid-deċiżjoni tal-għoti.*** L-għoti ta' tali appoġġ ma għandux jirrikjedi reviżjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.

[65] Ir-Regolament …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill … [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2021/1056
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rati massimi ta' kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw l-objettivi ta' STEP ***għandhom*** jiżdiedu ***għal*** 100 %." | B'deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rati massimi ta' kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw l-objettivi ta' STEP ***imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP] jistgħu*** jiżdiedu ***sa*** 100 %." |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (UE) 2021/1057
Artikolu 12a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minbarra l-prefinanzjament għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, fejn il-Kummissjoni tapprova emenda ta' programm li tinkludi prijorità waħda jew aktar iddedikati għall-operazzjonijiet appoġġati mill-FSE+ li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../...[66] [ir-Regolament dwar STEP], għandha tagħmel prefinanzjament eċċezzjonali ta' 30 % abbażi tal-allokazzjoni għal dawk il-prijoritajiet. Il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas sal-31 ta' Diċembru 2024, sakemm il-Kummissjoni tkun adottat id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm sal-31 ta' Ottubru 2024. | Minbarra l-prefinanzjament għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, fejn il-Kummissjoni tapprova emenda ta' programm li tinkludi prijorità waħda jew aktar iddedikati għall-operazzjonijiet appoġġati mill-FSE+ li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [66] [ir-Regolament dwar STEP], għandha tagħmel prefinanzjament eċċezzjonali ta' 30 % abbażi tal-allokazzjoni għal dawk il-prijoritajiet. ***Dan*** il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu ***jkun ta' benefiċċju wkoll għall-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-użu tal-programmi ta' tagħlim tal-Akkademji Ewropej b'Emissjonijiet Żero Netti kif ukoll għat-taħriġ taż-żgħażagħ u għat-taħriġ mill-ġdid, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema f'dak li jirrigwarda t-*** |

| | |
|---|---|
| | ***teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu*** jitħallas sal-31 ta' Diċembru 2024, sakemm il-Kummissjoni tkun adottat id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm sal-31 ta' Ottubru 2024. |
| [66] Ir-Regolament …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill … [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU]. | [66] Ir-Regolament …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill … [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU]. |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Regolament (UE) 2021/1057
Artikolu 10 – paragrafu 1 – is-sitt subparagrafu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rati ***massimi*** ta' kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw l-objettivi ta' STEP ***għandhom*** jiżdiedu ***għal 100 %***. | B'deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rati ta' kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw l-objettivi ta' STEP ***imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP] jistgħu*** jiżdiedu ***sa 100 %***. |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2021/1057
Anness 1 – Tabella 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Fl-Anness I, it-Tabella 1, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

| QASAM TA' INTERVENT | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 145a | Appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet jew aċċess għall-impjiegi f'teknoloġiji **profondi u** diġitali**, bijoteknoloġiji**. | 0% | 0% |
| 145b | Appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet jew aċċess għall-impjiegi f'teknoloġiji **nodfa**. | 100% | 40% |
| 188 | Investimenti produttivi f'intrapriżi kbar marbuta primarjament ma' teknoloġiji **nodfa**. | 100% | 40% |
| 189 | Investimenti produttivi fl-SMEs marbuta primarjament ma' teknoloġiji **nodfa**. | 100% | 40% |
| 190 | Investimenti produttivi f'intrapriżi kbar marbuta primarjament mal-bijoteknoloġiji. | 0% | 0% |
| 191 | Investimenti produttivi fl-SMEs marbuta primarjament mal-bijoteknoloġiji. | 0% | 0% |
| 192 | Investimenti produttivi f'intrapriżi kbar marbuta primarjament ma' teknoloġiji | 0% | 0% |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **profondi** u diġitali. | | |
| 193 | Investimenti produttivi fl-SMEs marbuta primarjament ma' teknoloġiji **profondi** u diġitali. | 0% | 0% |

*Emenda*

(4) Fl-Anness I, it-Tabella 1, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

| QASAM TA' INTERVENT | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 145a | Appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet jew aċċess għall-impjiegi f'teknoloġiji diġitali. **(li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]).** | 0% | 0% |
| 145b | Appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet jew aċċess għall-impjiegi f'teknoloġiji **b'emissjonijiet żero netti**. **(li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]).** | 100% | 40% |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 188 | Investimenti produttivi f'intrapriżi kbar marbuta primarjament ma' teknoloġiji **b'emissjonijiet żero netti**. **(li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]).** | 100% | 40% |
| 189 | Investimenti produttivi fl-SMEs marbuta primarjament ma' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. **(li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]).** | 100% | 40% |
| 190 | Investimenti produttivi f'intrapriżi kbar marbuta primarjament mal-bijoteknoloġiji. **(li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]).** | 0% | 0% |
| 191 | Investimenti produttivi fl-SMEs marbuta primarjament mal- | 0% | 0% |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | bijoteknoloġiji. **(li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]).** | | |
| 192 | Investimenti produttivi f'intrapriżi kbar marbuta primarjament ma' teknoloġiji diġitali **(li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]).** | 0% | 0% |
| 193 | Investimenti produttivi fl-SMEs marbuta primarjament ma' teknoloġiji profondi u diġitali. | 0% | 0% |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2021/1060
Anness 1 – Tabella 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Fl-Anness I, it-Tabella 6, tidħol ir-ringiela li ġejja:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11 | Il-kontribut għall-ħiliet u l-impjiegi f'teknoloġiji ***profondi u*** diġitali, teknoloġiji ***nodfa,*** | 0% | 0% |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ***bijoteknoloġiji*** | | |

*Emenda*

(5) Fl-Anness I, it-Tabella 6, tidħol ir-ringiela li ġejja:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11 | Li jikkontribwixxu għall-ħiliet u l-impjiegi f'teknoloġiji diġitali, teknoloġiji ***b'emissjonijiet żero netti (li jikkontribwixxu għall-objettivi STEP fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]).*** | 0% | 0% |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt -1a**
Regolament (UE) 2013/1303
Anness 2 – punt 29

| *It-test preżenti* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1a) Fl-Artikolu 2, il-punt 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (29) "sena ta' kontabilità", tfisser, għall-finijiet tat-Tielet Parti u r-Raba' Parti, il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju, għajr għall-ewwel sena ta' kontabilità tal-perjodu ta' programmazzjoni, li fir-rigward tagħha tfisser il-perjodu mid-data tal-bidu għal eliġibbiltà tan-nefqa sat-30 ta' Ġunju 2015. Is-sena ta' kontabilità finali għandha tkun bejn l-1 ta' Lulju ***2023*** sat-30 ta' Ġunju ***2024***; | ***"***(29) "sena ta' kontabilità", tfisser, għall-finijiet tat-Tielet Parti u r-Raba' Parti, il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju, għajr għall-ewwel sena ta' kontabilità tal-perjodu ta' programmazzjoni, li fir-rigward tagħha tfisser il-perjodu mid-data tal-bidu għal eliġibbiltà tan-nefqa sat-30 ta' Ġunju 2015. Is-sena ta' kontabilità finali għandha tkun bejn l-1 ta' Lulju ***2024*** sat-30 ta' Ġunju ***2025***;" |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt 1b**
Regolament (UE) 2013/1303
Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(-1b) Fl-Artikolu 24, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"1a. B'deroga mill-Artikolu 60(1) u l-ewwel u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 120(3), tista' tiġi applikata rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għan-nefqa ddikjarata għas-sena ta' kontabilità finali għal ass ta' prijorità wieħed jew aktar fi programm appoġġat mill-FEŻR, mill-FSE jew mill-Fond ta' Koeżjoni. B'deroga mill-Artikolu 30(1) u (2) u l-Artikolu 96(10), l-applikazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament ta' 100 % ma għandhiex teħtieġ deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova emenda tal-programm. L-Istat Membru għandu jinnotifika t-tabelli finanzjarji riveduti lill-Kummissjoni wara l-approvazzjoni mill-kumitat ta' monitoraġġ. Ir-rata ta' kofinanzjament ta' sa 100 % għandha tapplika biss jekk it-tabelli finanzjarji jkunu nnotifikati lill-Kummissjoni qabel titressaq l-applikazzjoni finali għal pagament interim għas-sena ta' kontabilità finali f'konformità mal-Artikolu 135(2)."*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt 1c**
Regolament (UE) 2013/1303
Artikolu 65 - paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(-1c) Fl-Artikolu 65, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |

| | |
|---|---|
| | ***“2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fondi ESI jekk tkun saret minn benefiċjarju u ġiet imħallsa bejn id-data tal-preżentazzjoni tal-programm lill-Kummissjoni jew mill-1 ta’ Jannar 2014, skont liema data tiġi l-ewwel, u l-31 ta’ Diċembru 2024. Barra minn hekk, in-nefqa għandha tkun eliġibbli biss għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR jekk l-għajnuna rilevanti fil-fatt titħallas mill-aġenzija tal-pagamenti bejn l-1 ta’ Jannar 2014 u l-31 ta’ Diċembru 2024.*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja**
Regolament (UE) 2013/1303
*Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja*

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ***Fl-Artikolu 135, jiżdied il-paragrafu 6 li*** ġej | (1) ***L-Artikolu 135 huwa emendat kif*** ġej***:*** |
| | ***(a) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***“***6. B’deroga mill-paragrafu 2, l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament interim għas-sena ta’ kontabilità finali għandha tkun il-31 ta’ Lulju 2025. L-aħħar applikazzjoni għal pagament interim sottomessa sal-31 ta’ Lulju 2025 għandha titqies bħala l-applikazzjoni finali għal pagament interim għas-sena ta’ kontabilità finali. | ***‘***6. B’deroga mill-paragrafu 2, l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament interim għas-sena ta’ kontabilità finali għandha tkun il-31 ta’ Lulju 2025. L-aħħar applikazzjoni għal pagament interim sottomessa sal-31 ta’ Lulju 2025 għandha titqies bħala l-applikazzjoni finali għal pagament interim għas-sena ta’ kontabilità finali. |
| L-ammonti minn riżorsi oħra għajr | L-ammonti minn riżorsi oħra għajr |

REACT-EU rimborżati mill-Kummissjoni bħala pagamenti interim fl-2025 ma għandhomx jaqbżu ***l-1 %*** tal-approprjazzjonijiet finanzjarji totali għall-programm ikkonċernat mill-Fond, ir-riżorsi ta' REACT-EU esklużi. L-ammonti li jridu jitħallsu mill-Kummissjoni fl-2025 li jaqbżu dan il-perċentwal ma għandhomx jitħallsu u għandhom jintużaw esklużivament għall-ikklerjar tal-prefinanzjament fl-għeluq."

REACT-EU rimborżati mill-Kummissjoni bħala pagamenti interim fl-2025 ma għandhomx jaqbżu ***l-10 %*** tal-approprjazzjonijiet finanzjarji totali għall-programm ikkonċernat mill-Fond, ir-riżorsi ta' REACT-EU esklużi. L-ammonti li jridu jitħallsu mill-Kummissjoni fl-2025 li jaqbżu dan il-perċentwal ma għandhomx jitħallsu u għandhom jintużaw esklużivament għall-ikklerjar tal-prefinanzjament fl-għeluq."

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b**
Regolament (UE) 2013/1303
*Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1*

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) Għandu jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:*** |
| | ***'6a. Għar-reġjuni ultraperiferiċi kif iddefiniti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, b'deroga mill-paragrafu 2, l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament interim għas-sena ta' kontabilità finali għandha tkun it-30 ta' Ġunju 2025. L-aħħar applikazzjoni għal pagament interim sottomessa sal-31 ta' Diċembru 2025 għandha titqies bħala l-applikazzjoni finali għal pagament interim għas-sena ta' kontabilità finali.*** |
| | ***L-ammonti minn riżorsi oħra għajr REACT-EU rimborżati mill-Kummissjoni bħala pagamenti interim fl-2025 ma għandhomx jaqbżu l-15 % tal-approprjazzjonijiet finanzjarji totali għall-programm ikkonċernat mill-Fond, ir-riżorsi ta' REACT-EU esklużi. L-ammonti li jridu jitħallsu mill-Kummissjoni fl-2025 li jaqbżu dan il-perċentwal ma għandhomx jitħallsu u għandhom jintużaw esklużivament għall-ikklerjar tal-prefinanzjament fl-għeluq."*** |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (UE) 2013/1303
Artikolu 138 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "B'deroga mill-iskadenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jissottomettu d-dokumenti msemmija taħt il-punti (a), (b) u (c) għas-sena ta' kontabilità finali sal-15 ta' Frar 2026." | "B'deroga mill-iskadenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jissottomettu ***r-rapport ta' implimentazzjoni finali għall-programm operazzjonali skont l-Artikoli 141 u*** d-dokumenti msemmija taħt il-punti (a), (b) u (c) għas-sena ta' kontabilità finali sal-15 ta' Frar 2026." |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt 2 a (ġdid)**
Regolament (UE) 2013/1303
Artikolu 141 – paragrafu 1

| *It-test preżenti* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Fl-Artikolu 141, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Minbarra d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 138, għall-aħħar sena ta' kontabilità mill-1 ta' Lulju ***2023*** sat-30 ta' Ġunju *2024*, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport ta' implimentazzjoni finali għall-programm operazzjonali jew l-aħħar rapport ta' implimentazzjoni annwali għall-programm operazzjonali appoġġat mill-FEMS. | ***"1.*** Minbarra d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 138, għall-aħħar sena ta' kontabilità mill-1 ta' Lulju ***2024*** sat-30 ta' Ġunju ***2025***, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport ta' implimentazzjoni finali għall-programm operazzjonali jew l-aħħar rapport ta' implimentazzjoni annwali għall-programm operazzjonali appoġġat mill-FEMS.***"*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE ***msemm*** fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1) għandha tkun ***EUR 33 652 310 073*** fi prezzijiet kurrenti. Din għandha tkun bi provviżjonament bir-rata ta' 40 %. L-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(3) għandu jitqies ukoll għall-kontribut għall-proviżjonament li jirriżulta minn dik ir-rata ta' proviżjonament.; | Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE ***msemmija*** fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1) għandha tkun ***EUR 36 652 310 073*** fi prezzijiet kurrenti. Din għandha tkun bi provviżjonament bir-rata ta' 40 %. L-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(3) għandu jitqies ukoll għall-kontribut għall-proviżjonament li jirriżulta minn dik ir-rata ta' proviżjonament.; |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a a (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Fil-paragrafu 1, jiddaħħal ir-raba' subparagrafu li ġej:*** <br><br> ***"Ammont addizzjonali tal-garanzija tal-UE jista' jingħata wkoll fl-għamla ta' flus kontanti mill-Istati Membri lill-kompartiment tal-Istat Membru biex jappoġġa l-objettivi msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [Ir-Regolament STEP] bl-użu tar-rikavat ta' self mogħti lill-Istati Membri skont l-Artikolu 33a tar-Regolament 2021/241 [ir-Regolament dwar l-RRF]."*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ammont ta' ***EUR 18 827 310 073*** fi prezzijiet kurrenti tal-ammont imsemmi fl- | Ammont ta' ***EUR 21 827 310 073*** fi prezzijiet kurrenti tal-ammont imsemmi fl- |

| | |
|---|---|
| ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandu jiġi allokat għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3(2).; | ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandu jiġi allokat għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3(2).; |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 4 a (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 2

| *It-test preżenti* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Fl-Artikolu 9(1), il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:*** |
| “(b) il-kompartiment tal-Istat Membru għandu jindirizza fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali f'reġjun jew fi Stat Membru wieħed jew aktar sabiex iwettaq l-għanijiet tal-politika tal-fondi kontribwenti b'ġestjoni kondiviża jew tal-ammont addizzjonali pprovdut minn Stat Membru skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1), speċjalment biex isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni billi jindirizza l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni tagħha. | ***“(b)*** il-kompartiment tal-Istat Membru għandu jindirizza fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali f'reġjun jew fi Stat Membru wieħed jew aktar sabiex iwettaq l-għanijiet tal-politika tal-fondi kontribwenti b'ġestjoni kondiviża jew tal-ammont addizzjonali pprovdut minn Stat Membru skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1), speċjalment biex isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni billi jindirizza l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni tagħha***. L-ammont addizzjonali pprovdut minn Stat Membru fil-forma ta’ flus kontanti skont ir-raba’ subparagrafu tal-Artikolu 4(1) għandu jiġi allokat għal proġetti li jikkontribwixxu għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament.../... [ir-Regolament dwar STEP].*** |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4b) Fl-Artikolu 10(3), jiddaħħal punt ġdid:*** |
| | ***“(h) kwalunkwe kontribuzzjoni fil-forma ta’ flus lill-kompartiment tal-Istat Membru magħmula bir-rikavat mis-self mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont l-Artikolu 33a tar-Regolament 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]”;*** |
| | __________________ |
| | ***[1a] Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.*** |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 5a**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fl-Artikolu 11(1), il-punt (b), jiddaħħal punt ġdid:*** |
| | ***“(viii) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-konsistenza mal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tal-proġetti STEP iffinanzjati bir-rikavat tas-self mill-RRF.”*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) ***L-Artikolu 13*** huwa ***sostitwit b’dan li*** | (6) ***L-Artikolu 13*** huwa ***emendat kif*** ġej: |

ġej:

| | |
|---|---|
| | ***(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| "4. ***Mill-inqas*** 75 % tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), li tammonta għal mill-inqas ***EUR 25 239 232 554***, għandha tingħata lill-Grupp tal-BEI. Il-Grupp tal-BEI għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja aggregata li tammonta għal mill-inqas ***EUR 6 309 808 138***. Dik il-kontribuzzjoni għandha tingħata b'mod u għamla li tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Fond InvestEU u l-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(2).”; | '4. 75 % tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), li tammonta għal mill-inqas ***EUR 27 489 232 554***, għandha tingħata lill-Grupp tal-BEI. Il-Grupp tal-BEI għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja aggregata li tammonta għal mill-inqas ***EUR 6 872 308 138***. Dik il-kontribuzzjoni għandha tingħata b'mod u għamla li tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Fond InvestEU u l-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(2).”; |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 5. Il-25 % li jifdal tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE għandu jingħata lil sħab oħra inkarigati mill-implimentazzjoni, li għandhom jipprovdu wkoll kontribuzzjoni finanzjarja li għandha tiġi determinata fil-ftehimiet ta' garanzija. | '5. Il-25 % li jifdal tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE għandu jingħata lil sħab oħra inkarigati mill-implimentazzjoni, li għandhom jipprovdu wkoll kontribuzzjoni finanzjarja li għandha tiġi determinata fil-ftehimiet ta' garanzija. ***Meta l-Kummissjoni tiddetermina li l-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali ma jagħmlux użu sħiħ mill-25 % li jifdal tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE, l-ammont żejjed jista' jingħata b'mod eċċezzjonali lill-Grupp tal-BEI.”;*** |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 6 – punt c (ġdid)**

Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'5a. Meta applikabbli, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha skont il-paragrafu 5 biex tagħti lill-Grupp tal-BEI aktar minn 75 % tal-garanzija tal-UE fir-Rapport Annwali lill-Parlament Ewropew imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament.../... [ir-Regolament dwar STEP]. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinforma wkoll dwar kwalunkwe azzjoni li jkollha l-għan li żżid il-kapaċità ta' assorbiment tas-sħab l-oħra inkarigati mill-implimentazzjoni';.*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 6 − punt d (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(d) fil-paragrafu 7, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej::*** |
| | ***"Il-kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) skont il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jiġu ffirmati mhux aktar tard minn sentejn wara l-approvazzjoni tal-operazzjoni rilevanti ta' finanzjament jew ta' investiment mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. F'każijiet oħra, kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.";*** |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 6 – punt e (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'6a. Il-Grupp tal-BEI għandu jimmira li jippreserva bilanċ ġeografiku, b'mod partikolari, fir-rigward ta' proġetti transfruntiera."*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt (j)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| **"**(j) jipprovdi appoġġ konsultattiv lill-maniġers ta' fondi ta' ekwità attivi fl-oqsma msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 8(1)." | (j) jipprovdi appoġġ konsultattiv lill-maniġers ta' fondi ta' ekwità ***u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra*** attivi fl-oqsma msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 8(1)***, inkluż, fir-rigward tal-valutazzjoni ta' assi intanġibbli***." |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 12**
Regolament (UE) 2021/523
Anness I – punt (e)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) sa EUR ***7 500 000 000*** għall-objettivi msemmija ***fil-punt*** (e) ***tal-Artikolu 3(2)***." | (e) sa EUR ***10 500 000 000*** għall-objettivi msemmija ***fl-Artikolu 3(2), il-punt (***e)." |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 13**
Regolament (UE) 2021/523
Anness II – punt 16

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) ***iż-żieda, l-użu u l-manifattura fuq skala kbira*** tat-teknoloġiji ***kritiċi*** msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP], kif ukoll il-katina ***tal-valur*** rispettiva msemmija ***fl-Artikolu 2(4***) ta' dak ir-Regolament.*"* | (16) ***l-iżvilupp jew il-manifattura*** tat-teknoloġiji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP], kif ukoll il-katina ***ta' provvista*** rispettiva msemmija ***fl-Artikolu 2(2***) ta' dak ir-Regolament. |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 14**
Regolament (UE) 2021/523
Anness III – punt 9 – punt 7a.1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7a.1 Investiment mobilizzat skont il-qasam tat-teknoloġija: i) teknoloġiji ***profondi u diġitali,*** ii) teknoloġiji ***nodfa*** u iii) bijoteknoloġiji. | ***"***7a.1 Investiment mobilizzat skont il-qasam tat-teknoloġija: i) teknoloġiji ***diġitali u*** ii) teknoloġiji ***b'emissjonijiet żero netti*** u iii) bijoteknoloġiji.*"* |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 14**
Regolament (UE) 2021/523
Anness III – punt 9 – punt 7a.2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7a.2 Numru ta' intrapriżi appoġġati skont il-qasam tat-teknoloġija: i) teknoloġiji ***profondi u*** diġitali, ii) teknoloġiji ***nodfa*** u iii) bijoteknoloġiji. | ***"***7a.2 Numru ta' intrapriżi appoġġati skont il-qasam tat-teknoloġija: i) teknoloġiji diġitali, ii) teknoloġiji ***b'emissjonijiet żero netti*** u iii) bijoteknoloġiji.*"* |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1 (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 7 – paragrafu 10

| *It-test preżenti* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) Artikolu 7, il-paragrafu 10 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 10. Bħala parti mill-objettiv ġenerali tal-Unjoni tal-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi fil-politiki settorjali tal-Unjoni u fil-fondi tal-Unjoni, l-azzjonijiet taħt dan il-Programm għandhom jikkontribwixxu mill-inqas 35 % tan-nefqa għall-objettivi klimatiċi, fejn ikun adatt. L-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika għandha tkun inkluża b'mod adegwat fil-kontenut tar-R&I. | *"*10. Bħala parti mill-objettiv ġenerali tal-Unjoni tal-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi fil-politiki settorjali tal-Unjoni u fil-fondi tal-Unjoni, l-azzjonijiet taħt dan il-Programm għandhom jikkontribwixxu mill-inqas 35 % tan-nefqa għall-objettivi klimatiċi, fejn ikun adatt. L-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika għandha tkun inkluża b'mod adegwat fil-kontenut tar-R&I. ***Għall-implimentazzjoni ta' dan l-objettiv, il-Kummissjoni tista' tiddependi fuq il-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 biex tiżgura li l-infiq fuq il-klima ma jaffettwax ħażin objettivi ambjentali oħra u li l-investimenti f'objettivi ambjentali oħra jkunu konformi mal-objettiv dwar il-klima. L-użu ta' dan il-prinċipju għandu jkun limitat għal sejħiet għal proposti għal proġetti li għandhom x'jaqsmu direttament mal-objettivi ambjentali, kif definiti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li għandhom l-għan li jiffinanzjaw attivitajiet li huma qrib l-użu fis-suq. L-użu tal-prinċipju għandu jkun akkumpanjat minn gwida dettaljata mill-Kummissjoni dwar kif il-konformità mal-prinċipju għandha tiġi evalwata fil-kuntest tas-sejħa speċifika li fiha jintuża l-prinċipju.*** |

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1 a (ġdid)**

Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punti b u c

| *It-test preżenti* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1a) fl-Artikolu 9(1), il-punti (b) u (c) huma ssostitwiti b'dan li ġej:*** |
| (b) awtonomija; | ***"***(b) awtonomija***, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-ekwità sabiex jiġu żgurati skedi ta' żmien tal-investiment konformi mas-suq kif ukoll it-teħid tar-riskji kif imsemmi fil-punt (c)***; |
| (c) kapaċità għat-teħid ***tar-riskju;*** | (c) kapaċità għat-teħid ***ta' aktar riskju mill-istandards tas-suq, b'mod partikolari billi jipprovdi investiment bil-paċenzja għal innovazzjonijiet mhux bankabbli."*** |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 12 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ta' EUR ***86 623 000 000*** fi prezzijiet attwali għall-programm speċifiku msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) u għall-EIT u ta' ***9 453 000 000*** fi prezzijiet attwali għall-programm speċifiku msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2). | 1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ta' EUR ***87 423 000 000*** fi prezzijiet attwali għall-programm speċifiku msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) u għall-EIT u ta' ***EUR 10 453 000 000*** fi prezzijiet attwali għall-programm speċifiku msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2). |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***fil-paragrafu 2, il-punti*** (***b) u (***c) ***huma ssostitwiti*** b'dan li ġej: | (b) ***fil-paragrafu 2, il-punt*** (c) ***huwa sostitwit*** b'dan li ġej: |
| ***'(b***) EUR ***46 628 000 000*** għall-Pilastru ***II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea***" għall-perjodu 2021 sa 2027, li minnhom: | ***"(c***) EUR ***13 237 000 000*** għall-Pilastru ***III "Ewropa Innovattiva***" għall-perjodu 2021 sa 2027, li minnhom: |
| (i) EUR ***6 775 000 000 għar-ragruppament "Saħħa";*** | (i) EUR ***10 052 000 000 għall-EIC;"*** |
| (ii) EUR ***1 350 000 000 għar-raggruppament "Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva"***; | (ii) EUR ***459 000 000 għall-Ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni***; |
| (iii) EUR ***1 276 000 000 għar-raggruppament "Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà";*** | (iii) EUR ***2 726 000 000 għall-EIT;"*** |
| ***(iv) EUR 13 229 000 000 għar-raggruppament "Diġitali, Industrija u Spazju";*** | |
| ***(v) EUR 13 229 000 000 għar-raggruppament "Klima, Enerġija u Mobbiltà";*** | |
| ***(vi) EUR 8 799 000 000 għar-raggruppament "Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent";*** | |
| ***(vii) EUR 1 970 000 000 għall-azzjonijiet diretti mhux nukleari tal-JRC;*** | |
| ***(c) EUR 13 237 000 000 għall-Pilastru III "Ewropa Innovattiva" għall-perjodu 2021 sa 2027, li minnhom:*** | |
| ***(i) EUR 10 052 000 000 għall-EIC;"*** | |
| ***(ii) EUR 459 000 000 għall-Ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni;*** | |
| ***(iii) EUR 2 726 000 000 għall-EIT;"*** | |

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) ***Fl-Artikolu 48, jiżdied il-punt (d) li ġej mal-ewwel subparagrafu***: | (3) ***L-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej***: |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

| *It-test preżenti* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (c) appoġġ f'forma biss ta' ishma lill-SMEs mhux bankabbli, inklużi negozji ġodda, li ***diġà rċevew appoġġ f'forma biss ta' għotja.*** | **"**(c) appoġġ f'forma biss ta' ishma lill-SMEs mhux bankabbli, inklużi negozji ġodda, li ***jwettqu innovazzjoni rivoluzzjonarja u fixkiela mhux bankabbli, jista' wkoll jiġi pprovdut;"*** |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, jiżdied il-punt (d) li ġej:*** |
| (d) appoġġ f'forma ta' ekwità biss meħtieġ għall-espansjoni għall-SMEs mhux bankabbli, inklużi negozji ġodda, u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli, inklużi entitajiet li diġà rċevew appoġġ f'konformità mal-punti (a) sa (c), li jwettqu innovazzjoni rivoluzzjonarja u fixkiela mhux bankabbli fit-teknoloġiji ***kritiċi*** msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP], iffinanzjata skont | (d) appoġġ f'forma ta' ekwità biss meħtieġ għall-espansjoni għall-SMEs mhux bankabbli, inklużi negozji ġodda, u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli, inklużi entitajiet li diġà rċevew appoġġ f'konformità mal-punti (a) sa (c), li jwettqu innovazzjoni rivoluzzjonarja u fixkiela mhux bankabbli fit-teknoloġiji msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP], iffinanzjata skont |

| | |
|---|---|
| l-Artikolu 3(b) ta' dak ir-Regolament." | l-Artikolu 3(b) ta' dak ir-Regolament." |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(c) jiżdied is-subparagrafu li ġej:*** |
| | ***"Meta jipprovdi appoġġ ta' ekwità, l-EIC għandu jagħmel ħiltu biex jattira investituri oħra. Madankollu, sabiex tiġi appoġġata b'mod effettiv l-innovazzjoni mhux bankabbli, l-appoġġ għall-ekwità jista' jiġi pprovdut mingħajr ma jiġu attirati investituri oħra, b'mod partikolari għall-innovazzjoni rivoluzzjonarja u fixkiela mhux bankabbli fit-teknoloġiji msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP].*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 48 – paragrafu 3

| *It-test preżenti* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(d) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. Deċiżjoni unika tal-għotja għandha tkopri u tipprovdi finanzjament għal kull forma ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni prevista taħt finanzjament imħallat tal-EIC. | "3. Deċiżjoni unika tal-għotja***, li*** għandha ***tkun ibbażata fuq l-eżitu tal-proċess ta' evalwazzjoni msemmi fil-paragrafu 4 u f'konformità mal-paragrafu 8 għandha*** tkopri u tipprovdi finanzjament għal kull forma ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni prevista taħt finanzjament imħallat tal-EIC. ***Id-deċiżjoni unika tal-għotja għandha twassal għal kuntratt uniku li jkopri l-forom kollha ta'*** |

***kontribuzzjoni tal-Unjoni previsti mid-deċiżjoni."***

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 48 – paragrafu 8 - subparagrafu 1

| *It-test preżenti* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(e) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Fil-każ ta' proposta li tkun għaddiet mill-evalwazzjoni, l-esperti esterni indipendenti għandhom jipproponu appoġġ korrispondenti tal-Aċċeleratur, ibbażat fuq ir-riskju affaċċjat u r-riżorsi u l-ħin meħtieġa biex l-innovazzjoni tinġieb u tintuża fis-suq. | ***"***Fil-każ ta' proposta li tkun għaddiet mill-evalwazzjoni, l-esperti esterni indipendenti ***msemmija fil-paragrafu 4*** għandhom jipproponu appoġġ korrispondenti tal-Aċċeleratur, ibbażat fuq ir-riskju affaċċjat u r-riżorsi u l-ħin meħtieġa biex l-innovazzjoni tinġieb u tintuża fis-suq. ***Il-Kummissjoni tista' tiċħad, għal raġunijiet ġustifikati, proposta tal-esperti esterni indipendenti, inkluż minħabba nuqqas ta' konformità mal-objettivi tal-politiki tal-Unjoni. Il-Kumitat tal-Programm għandu jiġi infurmat bir-raġunijiet għal tali ċaħda."*** |

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 48 – paragrafu 11 – subparagrafu 1

| *It-test preżenti* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(f) fil-paragrafu 11, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Il-kuntratt għall-azzjoni magħżula għandu jistabbilixxi objettivi intermedji speċifiċi li jistgħu jitkejlu kif ukoll il-prefinanzjament u l-pagamenti bin-nifs korrispondenti tal-appoġġ tal-Aċċeleratur. | ***"***Il-kuntratt għall-azzjoni magħżula***, li*** għandu ***jkun magħmul minn kuntratt uniku f'konformità mal-paragrafu 3, għandu*** jistabbilixxi objettivi intermedji speċifiċi li jistgħu jitkejlu kif ukoll il-prefinanzjament u l-pagamenti bin-nifs |

korrispondenti tal-appoġġ tal-Aċċeleratur.*”*

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. F’konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2021/695, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2027 għandu jkun ta’ EUR ***9 453 000 000 bi*** prezzijiet attwali.” | 1. F’konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2021/695, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2027 għandu jkun ta’ EUR ***10 453 000 000 fi*** prezzijiet attwali.” |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) EUR ***3 151 000 000*** għal azzjonijiet ta’ riċerka; | (a) EUR ***3 484 000 000*** għal azzjonijiet ta’ riċerka; |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) EUR ***6 302 000 000*** għal azzjonijiet ta’ żvilupp.” | (b) EUR ***6 969 000 000*** għal azzjonijiet ta’ żvilupp.” |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**
Regolament (UE) 2021/695
Artikolu 4 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (*c*) Il-paragrafu 5 huwa miżjud: | (*b*) Il-paragrafu 5 huwa miżjud: |
| "Ammont ta' EUR ***1 500 000*** fi prezzijiet attwali tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi allokat għal sejħiet għal proposti jew għotjiet ta' finanzjament li jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament .../. [ir-Regolament dwar STEP]." | "Ammont ta' EUR ***2 500 000*** fi prezzijiet attwali tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi allokat għal sejħiet għal proposti jew għotjiet ta' finanzjament li jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament .../. [ir-Regolament dwar STEP]." |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 1 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej: | (1) Fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej: |
| '3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jipproponu wkoll li jinkludu fil-pjan tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, bħala kostijiet stmati, l-ammont tal-kontribuzzjoni fi flus għall-fini tal-kompartiment tal-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar InvestEU esklużivament għall-miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [71] [ir-Regolament dwar STEP]. Dawk il-kostijiet ma għandhomx jaqbżu ***s-6 %*** tal-allokazzjoni finanzjarja totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, u l-miżuri rilevanti, kif stabbilit fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' dan | 3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jipproponu wkoll li jinkludu fil-pjan tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, bħala kostijiet stmati, l-ammont tal-kontribuzzjoni fi flus għall-fini tal-kompartiment tal-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar InvestEU esklużivament għall-miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament.../...[71] [ir-Regolament dwar STEP]. Dawk il-kostijiet ma għandhomx jaqbżu ***s-6 %*** tal-allokazzjoni finanzjarja totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, u l-miżuri rilevanti, kif stabbilit fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' dan ir- |

ir-Regolament.”

Regolament. ***Din il-limitazzjoni ma għandhiex tapplika għall-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti magħmula skont l-Artikolu 33a.***”

[71] Ir-Regolament.../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

[71] Ir-Regolament.../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt 2a**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 1 – paragrafu 33a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Jiżdied kapitolu ġdid:*** |
| | ***“KAPITOLU VIIa*** |
| | ***UŻU EĊĊEZZJONALI TA’ SELF SKONT L-RRF MHUX MITLUB MILL-ISTATI MEMBRI*** |
| | ***Artikolu 33a*** |
| | ***1. Id-differenza bejn l-ammont massimu disponibbli għall-appoġġ fil-forma ta’ self lill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(1)(b) u l-ammont totali mitlub mill-Istati Membri qabel l-1 ta’ Settembru 2023 għandha tkun disponibbli għall-Istati Membri kollha għall-implimentazzjoni tal-investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [Ir-Regolament dwar STEP] mill-kompartiment tal-Istat Membru ta’ InvestEU. L-allokazzjoni massima għal kull Stat Membru għandha ssir skont il-koeffiċjent tal-allokazzjoni definit fl-Artikolu 11 ta’ dan ir-Regolament.*** |
| | ***2. Sal-31 ta’ Diċembru 2023, fuq talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tagħti self lill-Istat Membru kkonċernat għall-fini msemmi fil-paragrafu 1.*** |

| | |
|---|---|
| | ***3. Stat Membru jista' jitlob appoġġ fil-forma ta' self sal-15 ta' Diċembru 2023 għall-fini msemmi fil-paragrafu 1.*** |
| | ***4. L-Istat Membru kkonċernat għandu juża r-rikavat tas-self biex jagħmel kontribuzzjoni fi flus kontanti għall-kompartiment tal-InvestEU tal-Istat Membru tiegħu biex jappoġġa l-objettivi ta' STEP, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament 2021/523 [ir-Regolament InvestEU].*** |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19a**
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 4a

| *It-test preżenti* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 19a*** |
| | ***Emendi fir-Regolament (UE) 2021/1755 [BAR]*** |
| | ***Ir-Regolament (UE) 2021/1755 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***l-Artikolu 4a huwa emendat kif ġej:*** |
| Artikolu 4a | ***Artikolu 4a*** |
| Trasferiment għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza | ***Trasferiment għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus jew il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta*** |
| 1. Sal-1 ta' Marzu 2023, l-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni talba motivata biex jittrasferixxu lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill l-ammonti kollha tal-allokazzjoni proviżorja tagħhom kif jinsabu fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 4(5). Jekk it-talba għat-trasferiment tiġi approvata, il-Kummissjoni għandha temenda l-att ta' implimentazzjoni sabiex | 1. Sal-1 ta' Marzu 2023, l-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni talba motivata biex jittrasferixxu lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill l-ammonti kollha tal-allokazzjoni proviżorja tagħhom kif jinsabu fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 4(5). Jekk it-talba għat-trasferiment tiġi approvata, il-Kummissjoni għandha temenda l-att ta' implimentazzjoni sabiex |

| | |
|---|---|
| jirrifletti l-ammonti aġġustati wara t-trasferimenti. | jirrifletti l-ammonti aġġustati wara t-trasferimenti. |
| | ***1a. Sat-30 ta' Settembru 2024, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw talba motivata lill-Kummissjoni biex jittrasferixxu lill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew il-Fond Soċjali Ewropew Plus stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill l-ammonti kollha tal-allokazzjoni proviżorja tagħhom jew parti minnhom stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 4(5) għall-finijiet ta' appoġġ għall-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament.../... [ir-Regolament dwar STEP]. Jekk it-talba għat-trasferiment tiġi approvata, il-Kummissjoni għandha temenda l-att ta' implimentazzjoni sabiex jirrifletti l-ammonti aġġustati wara t-trasferimenti.*** |
| 2. Meta trasferiment taħt il-paragrafi 1 jew 2 jaffettwa l-pagamenti parzjali diġà mħallsa jew li jkunu ser jitħallsu bħala prefinanzjament, il-Kummissjoni għandha temenda l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(1) kif xieraq għall-Istat Membru kkonċernat. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tirkupra, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, il-pagamenti parzjali kollha tal-2021 u l-2022 jew parti minnhom imħallsa lil dak l-Istat Membru bħala prefinanzjament,. F'dak il-każ, l-ammonti rkuprati għandhom jiġu trasferiti lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-benefiċċju esklużiv tal-Istat Membru kkonċernat. | 2. Meta trasferiment taħt il-paragrafi 1 jew 2 jaffettwa l-pagamenti parzjali diġà mħallsa jew li jkunu ser jitħallsu bħala prefinanzjament, il-Kummissjoni għandha temenda l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(1) kif xieraq għall-Istat Membru kkonċernat. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tirkupra, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, il-pagamenti parzjali kollha tal-2021 u l-2022 jew parti minnhom imħallsa lil dak l-Istat Membru bħala prefinanzjament,. F'dak il-każ, l-ammonti rkuprati għandhom jiġu trasferiti lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-benefiċċju esklużiv tal-Istat Membru kkonċernat. |
| 3. Meta Stat Membru jagħżel li jittrasferixxi l-allokazzjoni proviżorja kollha tiegħu jew parti minnha għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza | 3. Meta Stat Membru jagħżel li jittrasferixxi l-allokazzjoni proviżorja kollha tiegħu jew parti minnha għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza |

| | |
|---|---|
| f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-ammonti li għandhom jintefqu għall-finijiet tal-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, għandhom jitnaqqsu b'mod proporzjonat. | f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-ammonti li għandhom jintefqu għall-finijiet tal-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, għandhom jitnaqqsu b'mod proporzjonat. |
| 4. Meta Stat Membru jagħżel li jittrasferixxi l-allokazzjoni proviżorja kollha tiegħu għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**,** l-Artikolu 10(1) ma għandux japplika. | 4. Meta Stat Membru jagħżel li jittrasferixxi l-allokazzjoni proviżorja kollha tiegħu għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus jew il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta f'konformità mal-paragrafi 1 jew 2,*** l-Artikolu 10(1) ma għandux japplika. |
| 5. L-Artikolu 10(2) ma għandux japplika għall-ammonti trasferiti għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza | 5. L-Artikolu 10(2) ma għandux japplika għall-ammonti trasferiti għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus jew il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta f'konformità mal-paragrafi 1 jew 2.*** |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Anness**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Anness*** |
| | ***Definizzjoni ta' bijoteknoloġiji*** |
| | ***(Artikolu 2(1), il-punt (a)(iii))*** |
| | ***Bijoteknoloġiji [1a] tfisser:*** |
| | ***L-applikazzjoni tax-xjenza u t-teknoloġija għal organiżmi ħajjin, kif ukoll partijiet, prodotti u mudelli tagħhom, biex jinbidlu materjali ħajjin jew mhux ħajjin għall-produzzjoni ta' għarfien, oġġetti u servizzi.*** |
| | ***Id-definizzjoni statistika bbażata fuq il-lista tal-OECD ta' bijoteknoloġija fiha:*** |
| | ***DNA/RNA: il-ġenomika, il-farmakoġenomika, is-sondi tal-ġeni, l-inġinerija ġenetika, is-sekwenzjar/is-sinteżi/l-amplifikazzjoni tad-DNA/tal-*** |

***RNA, it-tfassil ta' profili tal-espressjoni ġenika, u l-użu tat-teknoloġija antisense, is-sinteżi tad-DNA fuq skala kbira, l-editjar tal-ġenoma u tal-ġeni, il-gene drive.***

- ***Proteini u molekuli oħrajn: is-sekwenzjar/is-sinteżi/l-inġinerija ta' proteini u peptidi (inklużi ormoni ta' molekuli kbar); il-metodi ta' konsenja mtejba għal drogi ta' molekuli kbar; il-proteomika, l-iżolament u l-purifikazzjoni tal-proteini, is-sinjalar, l-identifikazzjoni taċ-ċelloli b'riċetturi.***

- ***Koltura u inġinerija taċ-ċelloli u tat-tessuti: il-koltura ta' ċelloli/tessuti, l-inġinerija tat-tessuti (inklużi scaffolds tat-tessuti u inġinerija bijomedika), il-fużjoni ċellulari, l-stimulanti tal-vaċċini/l-immunostimulanti, il-manipulazzjoni tal-embrijuni, it-teknoloġiji ta' tnissil assistit minn markaturi, l-inġinerija metabolika.***

- ***Tekniki tal-proċess bijoteknoloġiku: il-fermentazzjoni bl-użu ta' bijoreatturi, bijoraffinar, bijoproċessar, bijolixxivjazzjoni, bijopulpjar, bijobbliċjar, bijodesulfurizzazzjoni, bijorimedjazzjoni, bijodetezzjoni, bijofiltrazzjoni u fitorimedjazzjoni, l-akkwakultura molekulari.***

- ***Vetturi tal-ġeni u tal-RNA: it-terapija tal-ġeni, il-vetturi virali.***

- ***Bijoinformatika: il-kostruzzjoni ta' bażijiet tad-data dwar il-ġenomi, is-sekwenzi tal-proteini; l-immudellar ta' proċessi bijoloġiċi kumplessi, inkluża l-bijoloġija tas-sistemi.***

- ***Nanobijoteknoloġija: l-applikazzjoni tal-għodod u l-proċessi tan-nanofabrikazzjoni/tal-mikrofabbrikazzjoni biex jinbnew apparati għall-istudju ta' bijosistemi u l-applikazzjonijiet fit-twassil tal-mediċini, id-dijanjostika, eċċ.***

---

***[1a] OECD (2018). "Revised proposal for the revision of the statistical definitions of***

***biotechnology and nanotechnology", (Proposta riveduta għar-reviżjoni tad-definizzjonijiet statistiċi tal-bijoteknoloġija u n-nanoteknoloġija), p. 8, Kaxxa 1, OECD Science, Technology and Industry Working Papers, Nru. 2018/01, Pariġi. https://doi.org/10.1787/085e0151-en***